# ATT FINALI

IL-KONFERENZA TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI, mlaqqa' fi Brussel fit-30 ta' Settembru 2003 biex tadotta bi qbil komuni it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, adottat it-testi li ġejjin:

I. Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

II. Protokolli annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

1. Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea

2. Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità

3. Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea

4. Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

5. Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment

6. Protokoll dwar is-siti tas-sedi ta' l-istituzzjonijiet u ta' ċerti korpi, aġenziji u dipartimenti ta' l-Unjoni Ewropea

7. Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea

8. Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja

9. Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka

10. Protokoll dwar il-proċedura dwar id-deficit eċċessiv

11. Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza

12. Protokoll dwar il-Grupp tal-euro

13. Protokoll dwar ċerti disposizzjonijiet rigward ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fir-rigward ta' l-unjoni ekonomika u monetarja

14. Protokoll dwar ċerti disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Danimarka fir-rigward ta' l-unjoni ekonomika u monetarja

15. Protokoll dwar ċerti kompiti tal-Bank Nazzjonali tad-Danimarka

16. Protokoll dwar is-sistema tal-franc tal-Komunità Finanzjarja tal-Paċifiku

17. Protokoll dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-kwadru ta' l-Unjoni Ewropea

18. Protokoll dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti ta' l-Artikolu III-130 tal-Kostituzzjoni għar-Renju Unit u għall-Irlanda

19. Protokoll dwar il-posizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda dwar politika rigward il-kontrolli fuq il-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni u rigward il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u l-koperazzjoni tal-pulizija

20. Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka

21. Protokoll dwar ir-relazzjonijiet esterni ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-qsim ta' fruntieri esterni

22. Protokoll dwar l-asil għal ċittadini ta' l-Istati Membri

23. Protokoll dwar il-koperazzjoni strutturata permanenti stabbilita bl-Artikolu I-41(6) u bl-Artikolu III-312 tal-Kostituzzjoni

24. Protokoll dwar l-Artikolu I-41(2) tal-Kostituzzjoni

25. Protokoll dwar importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropeata' prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi

26. Protokoll dwar l-akkwist ta' proprjetà fid-Danimarka

27. Protokoll dwar is-sistema ta' xandir pubbliku fl-Istati Membri

28. Protokoll dwar l-Artikolu III-214 tal-Kostituzzjoni

29. Protokoll dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

30. Protokoll dwar arranġamenti speċjali għall-Groenlandja

31. Protokoll dwar l-Artikolu 40.3.3 tal-Kostituzzjoni ta' l-Irlanda

32. Protokoll rigward l-Artikolu I-9(2) tal-Kostituzzjoni dwar l-adeżjoni ta' l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

33. Protokoll dwar l-Atti u t-Trattati li ssupplimentaw jew emendaw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

34. Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji rigward l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni

35. Protokoll dwar il-konsegwenzi finanzjarji ta' l-iskadenza tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u dwar il-Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar

36. Protokoll li jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika

III. Annessi għat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

1. Anness I - Lista prevista fl-Artikolu III-226 tal-Kostituzzjoni

2. Anness II - Pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom japplika t-Titolu IV tal-Parti III tal-Kostituzzjoni

Il-Konferenza adottat id-Dikjarazzjonijiet li ġejjin anness ma' dan l-Att Finali:

A. Dikjarazzjonijiet dwar disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni

1. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-6

2. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-9(2)

3. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli I-22, I-27 u I-28

4. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-24(7) dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew rigward l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri

5. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-25

6. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-26

7. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-27

8. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-36

9. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli I-43 u III-329

10. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-51

11. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-57

12. Dikjarazzjoni dwar l-ispjegazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

13. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-116

14. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-136 u III-267

15. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli III-160 u III-322

16. Dikjarazzjoni dwar Artikolu III-167(2)(ċ)

17. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-184

18. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-213

19. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-220

20. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-243

21. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-248

22. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-256

23. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-273(1)

24. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-296

25. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-325 dwar in-negozjar u l-konkluzjoni ta' ftehim internazzjonali mill-Istati Membri dwar iż-żona ta' Libertà, ta' Sigurtà u ta' ġustizzja

26. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-402(4)

27. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-419

28. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu IV-440(7)

29. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu IV-448(2)

30. Dikjarazzjoni dwar ir-ratifika tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

B. Dikjarazzjonijiet dwar Protokolli annessi mal-Kostituzzjoni

Dikjarazzjonijiet rigward il-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja

31. Dikjarazzjoni dwar il-gżejjer Åland

32. Dikjarazzjoni dwar il-poplu Sami

Dikjarazzjonijiet rigward il-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka

33. Dikjarazzjoni dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru

34. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru

35. Dikjarazzjoni dwar l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja

36. Dikjarazzjoni dwar it-transitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa

37. Dikjarazzjoni dwar l-Unità 1 u l-Unità 2 ta' l-impjant ta' enerġija nukleari Bohunice V1 fis-Slovakkja

38. Dikjarazzjoni dwar Ċipru

39. Dikjarazzjoni rigward il-Protokoll dwar id-Danimarka

40. Dikjarazzjoni rigward il-Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji konnessi ma' l-istituzzjonijiet u mal-korpi ta' l-Unjoni

41. Dikjarazzjoni rigward l-Italja

Minbarra dan, il-Konferenza ħadet nota tad-dikjarazzjonijiet elenkati kif ġej u annessi ma' dan l-atti finali:

42. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' l-Olanda dwar l-Artikolu I-55

43. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' l-Olanda dwar l-Artikolu IV-440

44. Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' l-Awstrija u r-Repubblika ta' l-Isvezja

45. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

46. Dikjarazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar id-definizzjoni tat-terminu "ċittadini"

47. Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja dwar id-definizzjoni tat-terminu "ċittadini"

48. Dikjarazzjoni mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar id-dritt tal-vot għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

49. Dikjarazzjoni mir-Renju tal-Belġju dwar il-parlamenti nazzjonali

50. Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika ta’ l-Ungerija dwar l-ortografija ta’ l-isem tal-munita unika fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

# WERREJ

A. Dikjarazzjonijiet dwar disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni

1. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-6

2. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-9(2)

3. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli I-22, I-27 u I-28

4. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-24(7), dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew rigward l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri

5. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-25

6. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-26

7. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-27

8. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-36

9. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli I-43 u III-329

10. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-51

11. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-57

12. Dikjarazzjoni dwar l-ispjegazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

13. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-116

14. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-136 u l-Artikolu III-267

15. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli III-160 u III-322

16. Dikjarazzjoni dwar Artikolu III-167(2)(ċ)

17. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-184

18. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-213

19. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-220

20. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-243

21. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-248

22. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-256

23. Dikjarazzjoni dwar it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-273(1)

24. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-296

25. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-325 dwar in-negozjar u l-konkluzjoni ta' ftehim internazzjonali mill-Istati Membri dwar iż-żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja

26. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-402(4)

27. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-419

28. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu IV-440(7)

29. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu IV-448(2)

30. Dikjarazzjoni dwar ir-ratifika tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

B. Dikjarazzjonijiet dwar Protokolli annessi mal-Kostituzzjoni

Dikjarazzjonijiet rigward il-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja

31. Dikjarazzjoni dwar il-gżejjer Åland

32. Dikjarazzjoni dwar il-poplu Sami

Dikjarazzjonijiet rigward il-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka

33. Dikjarazzjoni dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru

34. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru

35. Dikjarazzjoni dwar l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja

36. Dikjarazzjoni dwar it-transitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa

37. Dikjarazzjoni dwar l-Unità 1 u l-Unità 2 ta' l-impjant ta' enerġija nukleari Bohunice V1 fis-Slovakkja

38. Dikjarazzjoni dwar Ċipru

39. Dikjarazzjoni rigward il-Protokoll dwar id-Danimarka

40. Dikjarazzjoni rigward il-Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji konnessi ma' l-istituzzjonijiet u mal-korpi ta' l-Unjoni

41. Dikjarazzjoni rigward l-Italja

Dikjarazzjonijiet ta' L-Istati Membri

42. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' l-Olanda dwar l-Artikolu I-55

43. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' l-Olanda dwar l-Artikolu IV-440

44. Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' l-Awstrija u r-Repubblika ta' l-Isvezja

45. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

46. Dikjarazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar id-definizzjoni tat-terminu "ċittadini"

47. Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja dwar id-definizzjoni tat-terminu "ċittadini"

48. Dikjarazzjoni mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar id-dritt tal-vot għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

49. Dikjarazzjoni mir-Renju tal-Belġju dwar il-parlamenti nazzjonali

50. Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika ta’ l-Ungerija dwar l-ortografija ta’ l-isem tal-munita unika fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

# A. DIKJARAZZJONIJIET DWAR DISPOSIZZJONIJIET TAL-KOSTITUZZJONI

## 1. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-6

Il-Konferenza tinnota li l-Artikolu I-6 jirrifletti l-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Qorti ta' 'Prim' Istanza.

## 2. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-9(2)

Il-Konferenza taqbel li l-adeżjoni ta' l-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali għandha ssir b'mod li jiġu ppreservati l-karatteristiċi speċifiċi tad-dritt ta' l-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Konferenza tinnota l-eżistenza ta' djalogu regolari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; tali djalogu jista' jiġi rinforzat meta l-Unjoni Ewropea taderixxi ma' din il-Konvenzjoni.

## 3. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli I-22, I-27 u I-28

Fl-għażla tal-persuni msejħa sabiex jassumu l-funzjonijiet ta' President tal-Kunsill Ewropew, ta' President tal-Kummissjoni u ta' Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, għandha tittieħed in kunsiderazzjoni l-ħtieġa li tiġi rispettata d-diversità ġeografika u demografika ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri tagħha.

## 4. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-24(7), dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew rigward l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri

Il-Konferenza tiddikjara li l-Kunsill għandu jibda jħejji d-Deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-miżuri għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew rigward l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri malli jiġi ffirmat it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u għandu jagħti l-approvazzjoni politika tiegħu fi żmien sitt xhur. Abbozz ta' deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew, li se tkun adottata fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Trattat, jidher kif ġej:

Abbozz ta' Deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill.

### ARTIKOLU 1

1. Il-Presidenza tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tal-formazzjoni ta' l-Affarijiet Barranin, għandha tinżamm minn gruppi pre-stabbiliti ta' tliet Stati Membri għal perjodu ta' 18-il xahar. Il-gruppi għandhom ikunu ffurmati fuq bażi ta' rotazzjoni ugwali bejn l-Istati Membri, li tieħu in kunsiderazzjoni d-diversità tagħhom u l-bilanċ ġeografiku fi ħdan l-Unjoni.

2. Kull membru tal-grupp jippresjedi, għal perijodu ta' sitt xhur, il-presidenza tal-formazzjonijiet kollha tal-Kunsill, minbarra l-formazzjoni ta' l-Affarijiet Barranin. Il-membri l-oħra tal-grupp għandhom jassistu lill-Presidenza fir-responsabbiltajiet tagħha kollha, fuq bażi ta' programm komuni. Il-Membri tal-grupp jistgħu jiddeċiedu bejniethom dwar arranġamenti alternattivi.

## ARTIKOLU 2

Il-presidenza tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri għandha tinżamm minn rappreżentant ta' l-Istat Membru li jkollu l-presidenza tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali.

Il-Presidenza tal-Kumitat ta' Politika u ta' Sigurtà għandha tinżamm minn rappreżentant tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

Il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-formazzjonijiet differenti tal-Kunsill, minbarra l-formazzjoni ta' l-affarijiet barranin, għandha taqa' fuq il-membru tal-grupp li jkollu l-Presidenza tal-formazzjoni relatata, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor skond l-Artikolu 4.

## ARTIKOLU 3

Il-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali, bil-koperazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jassigura l-koerenza u l-kontinwità fix-xogħol tal-formazzjonijiet differenti tal-Kunsill fil-qafas tal-programmi multiannwali. Stati Membri li jkollhom il-Presidenza għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-organizzazzjoni u l-operazzjoni bla xkiel tax-xogħol tal-Kunsill, bl-għajnuna tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

## ARTIKOLU 4

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

## 5. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-25

Il-Konferenza tiddikjara li d-deċiżjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu I-25 ser tiġi adottata mill-Kunsill fil-jum meta jidħol fis-seħħ it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa. L-abbozz tad-deċiżjoni jidher hawn taħt:

Abbozz ta' Deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu I-25

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Billi:

(1) Huwa kkunsidrat xieraq li jiġu adottati disposizzjonijiet li jippermettu transizzjoni bla xkiel mis-sistema ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill - kif imfisser fit-Trattat ta' Nizza u stabbilit fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 tal-Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji rigward l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni mehmuż mal-Kostituzzjoni, li se tibqa' tapplika sal-31 ta' Ottubru 2009 - għas-sistema ta' votazzjoni prevista mill-Artikolu I-25 tal-Kostituzzjoni, li se tapplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2009.

(2) Huwa mfakkar li hi l-prattika tal-Kunsill li jiddedika kull sforz biex tissaħħaħ il-leġittimità demokratika ta' l-atti adottati b'maġġoranza kwalifikata.

(3) Huwa meqjus xieraq li d-Deċiżjoni preżenti tinżamm fis-seħħ sakemm hu meħtieġ biex tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel għas-sistema ta' votazzjoni ġdida prevista fil-Kostituzzjoni,

DDEĊIEDA KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Jekk membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw:

a) mill-inqas tliet kwarti tal-popolazzjoni, jew

b) mill-inqas tliet kwarti ta' l-għadd ta' Stati Membri

meħtieġa biex jikkostitwixxu minoranza li timblokka bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu I-25, l-ewwel subparagrafu, jew it-tieni subparagrafu, jindikaw l-opposizzjoni tagħhom għall-adozzjoni ta' att mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, l-Kunsill għandu jiddiskuti din il-kwistjoni.

ARTIKOLU 2

Il-Kunsill għandu, matul dawn id-diskussjonijiet, jagħmel kull ma jista' biex jilħaq, fi żmien raġonevoli u mingħajr ħsara għat-termini perentorji stabbiliti mid-dritt ta' l-Unjoni, soluzzjoni sodisfaċenti biex jindirizza t-tħassib imqajjem mill-membri tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 1.

ARTIKOLU 3

Għal dan il-għan, il-President tal-Kunsill, bl-għajnuna tal-Kummissjoni u filwaqt li jirrispetta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, għandu jieħu kwalunkwe inizjattiva meħtieġa biex jiffaċilita l-kisba ta' ftehim fuq bażi aktar wiesgħa fil-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill għandhom jagħtuh l-għajnuna tagħhom.

ARTIKOLU 4

Id-Deċiżjoni preżenti għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2009. Għandha tibqa' fis-seħħ mill-inqas sa l-2014. Wara dan, il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tirrevokaha.

6. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-26

Il-Konferenza tikkunsidra li meta l-Kummissjoni ma tinkludix iżjed ċittadini ta' l-Istati Membri kollha, l-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li tiżgura trasparenza sħiħa fir-relazzjonijiet ma' l-Istati Membri kollha. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tikkopera mill-qrib ma' l-Istati Membri kollha, kemm jekk għandhom ċittadin li qed iservi bħala Membru tal-Kummissjoni kif ukoll jekk ma għandhomx, u f'dan il-kuntest tagħti attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jkun hemm skambju ta' tagħrif u konsultazzjoni ma' l-Istati Membri kollha.

Il-Konferenza tikkunsidra wkoll li l-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li jitqiesu b'mod sħiħ ir-realtajiet politiċi, soċjali u ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, inklużi dawk li ma għandhomx ċittadin li qed iservi bħala Membru tal-Kummissjoni. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-garanzija li l-posizzjoni ta' dawk l-Istati Membri tittieħed in kunsiderazzjoni peremzz ta' l-adozzjoni ta' arranġamenti xierqa ta' organizzazzjoni.

## 7. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-27

Il-Konferenza tqis illi, skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew għandhom responsabbiltà konġunta li jaraw li l-proċess li jwassal għall-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea jimxi mingħajr problemi. Qabel id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew għandhom għaldaqstant jagħmlu l-konsultazzjonijiet meħtieġa fil-qafas li jqisu l-aktar xieraq. Skond l-Artikolu I-27(1), dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jiffukaw fuq il-profil tal-kandidati għall-Presidenza tal-Kummissjoni, wara li jieħdu kont ta' l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. L-arranġamenti għal dawn il-konsultazzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti, fiż-żmien opportun, bi qbil komuni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew.

## 8. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-36

Il-Konferenza tinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibqa' tikkonsulta l-esperti maħtura mill-Istati Membri fit-tħejjija ta' regolamenti Ewropej delegati fil-qasam tas-servizz finanzjarju skond il-prattika stabbilita tagħha.

## 9. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli I-43 u III-329

Mingħajr preġudizzju għall-miżuri adottati mill-Unjoni biex taqdi l-obbligu tagħha ta' solidarjetà ma' Stat Membru li jsofri attakk terroristiku jew li jisfa vittma ta' diżastru naturali jew li joriġina mill-bniedem, l-ebda waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli I-43 u III-329 tal-Kostituzzjoni ma hija ntiża li tolqot id-dritt ta' Stat Membru ieħor li jagħżel il-mezzi l-aktar xierqa sabiex jikkonforma ma' l-obbligu tiegħu ta' solidarjetà fir-rigward ta' dak l-Istat Membru.

## 10. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-51

Il-Konferenza tiddikjara li kull meta regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali għandhom jiġu adottati fuq bażi ta' l-Artikolu I-51 u dawn jista' jkollhom implikazzjonijiet diretti għas-sigurtà nazzjonali, irid jittieħed kont xieraq tal-karatteristiċi speċifiċi tal-kwistjoni. Tfakkar li l-liġi applikabbli fil-preżent (ara b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE) tinkludi derogi speċifiċi f'dan ir-rigward.

## 11. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu I-57

L-Unjoni ser tqis is-sitwazzjoni partikolari ta' Stati ta' daqs territorjali żgħir li jżommu relazzjonijiet speċifiċi mill-qrib magħha.

## 12. Dikjarazzjoni dwar l-ispjegazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

Il-Konferenza tinnota l-ispjegazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mħejjija taħt l-awtorità tal-Praesidium tal-Konvenzjoni li fasslet il-Karta u aġġornati taħt ir-responsabbiltà tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea, kif jinsabu hawn taħt.

# SPJEGAZZJONIJIET DWAR
# IL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Dawn l-ispjegazzjonijiet ġew imħejjija oriġinarjament taħt ir-responsabbiltà tal-Praesidium tal-Konvenzjoni li abbozza l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Ġew aġġornati taħt ir-responsabbiltà tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea, fid-dawl ta' l-aġġustamenti li saru għat-test tal-Karta minn dik il-Konvenzjoni (partikolarment fl-Artikoli 51 u 52[1]) u ta' l-evoluzzjoni fid-dritt ta' l-Unjoni. Għalkemm ma għandhomx l-istatus ta' liġi fis-sens strett tal-kelma, huma mezz siewi ta' interpretazzjoni intiż sabiex ikunu ċċarati d-disposizzjonijiet tal-Karta.

## PREAMBOLU

Il-popli ta' l-Ewropa, bil-ħolqien bejniethom ta' unjoni dejjem iktar stretta, ddeċidew li jipparteċipaw f'ġejjieni ta' paċi mibni fuq il-valuri komuni.

Konxja tal-patrimonju spiritwali u morali tagħha, l-Unjoni hi mibnija fuq il-valuri indiviżibbli u universali tad-dinjità umana, tal-libertà, ta' l-ugwaljanza u tas-solidarjetà; hi bbażata fuq il-prinċipji ta' demokrazija u l-istat tad-dritt. Tqiegħed il-persuna fil-qalba ta' l-attivitajiet tagħha, billi tistabbilixxi ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni u billi toħloq żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

---

1 L-Artikoli II-111 u II-112 tal-Kostituzzjoni.

L-Unjoni tikkontribwixxi għall-preservazzjoni u għall-iżvilupp ta' dawn il-valuri komuni filwaqt li tirrispetta d-diversità tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet tal-popli ta' l-Ewropa kif ukoll ta' l-identità nazzjonali ta' l-Istati Membri u ta' l-organizzazzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali; tfittex li tippromwovi żvilupp bilanċjat u sostenibbli u tiżgura l-moviment liberu ta' persuni, ta' servizzi, ta' merkanzija u ta' kapital, u l-libertà ta' stabbiliment.

Għal dan l-għan, hu meħtieġ li tiġi msaħħa l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tas-soċjetà, l-progress soċjali u l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, billi dawk id-drittijiet isiru iktar konkreti f'Karta.

Din il-Karta tafferma mill-ġdid, b'rigward għall-kompetenzi u l-kompiti ta' l-Unjoni kif ukoll għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, id-drittijiet kif jirriżultaw, b'mod partikolari, mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali u mill-obbligi internazzjonali komuni għall-Istati Membri, l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, l-Karti Soċjali adottati mill-Unjoni u mill-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-kuntest il-Karta għandha tkun interpretata mill-qrati ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri b'rigward xieraq ta' l-ispjegazzjonijiet imħejjija taħt l-awtorità tal-Praesidium tal-Konvenzjoni li abbozza l-Karta u aġġornati taħt ir-responsabbiltà tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea.

It-tgawdija ta' dawn id-drittijiet iġġib magħha responsabbiltajiet u dmirijiet kemm fir-rigward ta' ħaddieħor, kif ukoll fir-rigward tal-Komunità tal-bnedmin u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

L-Unjoni għaldaqstant tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji elenkati hawn taħt.

# TITOLU I

# ID-DINJITÀ

## ARTIKOLU 1[1]

### Dinjità umana

Id-dinjità umana hija invjolabbli. Għandha tkun rispettata u protetta.

Spjegazzjoni

Id-dinjità tal-persuna umana mhix biss dritt fundamentali fiha nfisha iżda tikkostitwixxi l-bażi vera tad-drittijiet fundamentali. Id-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-1948 naqxet id-dinjità umana fil-preambolu tagħha: "...billi r-rikonoxximent tad-dinjità inerenti u tad-drittijiet ugwali u inaljenabbli tal-membri kollha tal-familja umana hu l-pedament tal-libertà, tal-ġustizzja u tal-paċi fid-dinja." Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ottubru 2001 fil-każ C-377/98 Olanda vs. il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, 2001 ECR 7079, fil-motivazzjonijiet nru. 70-77, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-dritt fundamentali għad-dinjità umana hu parti mid-dritt ta' l-Unjoni.

Jirriżulta, b'mod partikolari, li l-ebda wieħed mid-drittijiet stabbiliti f'din il-Karta ma jista' jintuża sabiex jagħmel ħsara lid-dinjità ta' persuna oħra, u li d-dinjità tal-persuna umana hija parti mis-sustanza tad-drittijiet stabbiliti f'din il-Karta. Għaldaqstant għandha tiġi rispettata, ukoll meta jkun hemm limitazzjoni ta' dritt.

1 L-Artikolu II-61 tal-Kostituzzjoni.

# ARTIKOLU 2[1]

## Dritt għall-ħajja

1. Kulħadd għandu d-dritt għall-ħajja.

2. Ħadd m'għandu jiġi kkundannat għall-piena tal-mewt, jew li titneħħielu ħajtu.

Spjegazzjoni

1. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu hu bbażat fuq l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 2(1) tal-KEDB, li jgħid hekk:

   "1. Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi...".

2. It-tieni sentenza ta' din id-disposizzjoni, li tirreferi għall-piena tal-mewt, ġiet issuperata bid-dħul fis-seħħ ta' l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 6 tal-KEDB, li jgħid hekk:

   "Il-piena tal-mewt għandha tkun abolita. Ħadd ma għandu jiġi kkundannat għal dik il-piena jew titneħħilu ħajtu". L-Artikolu 2(2) tal-Karta hu bbażat fuq dik id-disposizzjoni.[2]

3. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tal-Karta[1] jikkorrispondu għal dawk ta' l-Artikoli ta' hawn fuq tal-KEDB u tal-Protokoll tiegħu. Għandhom l-istess sens u l-istess kamp ta' applikazzjoni, skond l-Artikolu 52(3) tal-Karta[3]. Għaldaqstant, id-definizzjonijiet "negattivi" li jidhru fil-KEDB għandhom jitqiesu wkoll bħala parti mill-Karta:

---

1 L-Artikolu II-62 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-62(2) tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.

a) l-Artikolu 2(2) tal-KEDB:

"Il-privazzjoni tal-ħajja ma għandhiex titqies bħala magħmula bi ksur ta' dan l-Artikolu meta tirriżulta mill-użu ta' forza li ma jkunx aktar minn dak li jkun assolutament meħtieġ:

a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza illegali;

b) sabiex jiġi effettwat arrest skond il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' xi persuna detenuta skond il-liġi;

ċ) f'azzjoni meħuda skond il-liġi sabiex tiġi megħluba rewwixta jew insurrezzjoni."

b) L-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru. 6 tal-KEDB:

"Stat jista' jipprovdi fil-liġi tiegħu li jkun hemm il-piena mewt dwar dawk l-atti li jsiru fi żmien il-gwerra jew ta' theddida imminenti ta' gwerra; dik il-piena għandha tingħata biss fl-istanzi stipulati fil-liġi u skond id-disposizzjonijiet relattivi. L-Istat għandu jikkomunika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dik il-liġi…".

ARTIKOLU 3[1]

Dritt għall-integrità tal-persuna

1. Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett ta' l-integrità fiżika u mentali tagħha.

1 L-Artikolu II-63 tal-Kostituzzjoni.

2. Fl-oqsma tal-mediċina u tal-bijoloġija, dawn li ġejjin għandhom jiġu rispettati b'mod partikolari:

a) il-kunsens liberu u infurmat tal-persuna interessata, skond il-proċeduri stabbiliti mil-liġi;

b) il-projbizzjoni ta' prattiċi ewġeniċi, partikolarment dawk li jimmiraw għas-selezzjoni ta' persuni;

ċ) il-projbizzjoni li l-ġisem uman u l-partijiet tiegħu bħala tali jintużaw bħala mezz ta' gwadann finanzjarju;

d) il-projbizzjoni ta' klonaġġ riproduttiv tal-bnedmin.

Spjegazzjoni

1. Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ottubru 2001 fil-Każ C-377/98 Olanda vs. il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, 2001 ECR 7079, fil-motivazzjonijiet nru. 70, 78, 79 u 80, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-dritt fundamentali għall-integrità umana hu parti mid-dritt ta' l-Unjoni u, fil-kuntest tal-mediċina u tal-bijoloġija, jinkludi l-kunsens liberu u infurmat min jagħtih u min jirċevieh.

2. Il-prinċipji ta' l-Artikolu 3 tal-Karta[1] huma diġà inklużi fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, adottata mill-Kunsill ta' l-Ewropa (ETS 164 u l-protokoll addizzjonali ETS 168). Il-Karta ma titbiegħedx minn dawk il-prinċipji, u għalhekk tipprojbixxi biss il-klonaġġ riproduttiv. La tawtorizza u lanqas tipprojbixxi forom oħra ta' klonaġġ. Għalhekk ma timpedixxi bl-ebda mod lil leġislatur milli jipprojbixxi l-forom l-oħra ta' klonaġġ.

[1] L-Artikolu II-63 tal-Kostituzzjoni.

3. Ir-referenza għal prattiċi ewġeniċi, partikolarment dawk li jimmiraw għas-selezzjoni ta' persuni, tirrigwarda sitwazzjonijiet possibbli fejn jiġu organizzati u implimentati programmi ta' selezzjoni, li jkunu jinvolvu, fost oħrajn, kampanji favur l-isterilizzazzjoni, t-tqala mġiegħla, ż-żwieġ etniku ta' bilfors …. atti li fl-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali adottat f'Ruma fis-17 ta' Lulju 1998 (ara l-Artikolu tiegħu 7(1)(g)) huma kollha meqjusa bħala reati internazzjonali.

## ARTIKOLU 4[1]

### Projbizzjoni ta' tortura jew pieni jew trattamenti inumani jew degradanti

Ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti.

Spjegazzjoni

Id-dritt fl-Artikolu 4[1] jikkorispondi għad-dritt garantit bl-Artikolu 3 tal-KEDB, li għandu l-istess kliem: "Ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumani jew degradanti." Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52(3) tal-Karta[2], għandu għalhekk l-istess sens u l-istess kamp ta' applikazzjoni bħall-Artikolu tal-KEDB.

## ARTIKOLU 5[3]

### Projbizzjoni ta' skjavitù u ta' xogħol forzat

1. Ħadd m'għandu jinżamm fi skjavitù jew f'servitù.

---

1 L-Artikolu II-64 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-65 tal-Kostituzzjoni.

2. Ħadd m'għandu jiġi mġiegħel jagħmel xogħol forzat jew obbligatorju.

3. It-traffikar tal-bnedmin huwa projbit.

Spjegazzjoni

1. Id-dritt fl-Artikolu 5(1) u (2)[1] jikkorrispondi għall-Artikolu 4(1) u (2) tal-KEDB, li għandu l-istess kliem. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52(3) tal-Karta[2], għandu għalhekk l-istess sens u l-istess skop bħall-Artikolu 52(3) tal-KEDB. Konsegwentement:

- l-ebda limitazzjoni ma tista' tolqot b'mod leġittimu d-dritt previst fil-paragrafu 1;

- fil-paragrafu 2, "xogħol forzat jew obbligatorju" jrid jiftiehem fid-dawl tad-definizzjonijiet "negattivi" li jinsabu fl-Artikolu 4(3) tal-KEDB:

  "Għall-fini ta' dan l-Artikolu l-frażi "xogħol forzat jew obbligatorju" ma tinkludix:

  a) xogħol meħtieġ li jsir fil-kors ordinarju ta' detenzjoni imposta skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' din il-Konvenzjoni jew waqt il-libertà kondizzjonata minn dik id-detenzjoni;

  b) servizz ta' karattru militari jew, f'każ ta' persuni oġġezzjonanti minħabba l-kuxjenza f'pajjiżi fejn huwa hekk rikonoxxut, servizz imġiegħel minflok servizz militari obbligatorju;

[1] L-Artikolu II-65 tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.

ċ) servizz imġiegħel f'każ ta' emerġenza jew ta' kalamità li thedded il-ħajja jew il-ġid tal-komunità;

d) xogħol jew servizz li jifforma parti mill-obbligi ċiviċi normali".

2. Il-paragrafu 3 jiġi direttament mid-dinjità tal-persuna umana u jieħu kont ta' l-iżviluppi reċenti fil-kriminalità organizzata, bħall-organizzazzjoni ta' *networks* ta' immigrazzjoni illegali jew ta' sfruttament sesswali li jħallu l-qligħ. L-anness mal-Konvenzjoni tal-Europol għandu fih id-definizzjoni li ġejja li tirreferi għat-traffikar għall-iskop ta' sfruttament sesswali: "It-traffikar tal-bnedmin: li persuna tkun suġġetta għas-setgħa reali u illegali minn persuni oħra bl-użu ta' vjolenza jew minaċċi jew bl-abbuż ta' awtorità jew intrigi bl-iskop li jiġu esplojtati għall-prostituzzjoni, forom ta' esplojtazzjoni sesswali u attakki fuq minorenni jew il-kummerċ fi tfal abbandunati". Il-Kapitolu VI tal-Konvenzjoni li timplimenta t-Trattat ta' Schengen, li ġie ntegrat fl-*acquis* ta' l-Unjoni, fejn jipparteċipaw ir-Renju Unit u l-Irlanda, għandu l-kliem li ġejjin fl-Artikolu 27(1) li jirreferi għal *networks* ta' immigrazzjoni illegali: "Il-Partijiet Kontraenti jobbligaw ruħhom li jimponu pieni approprjati fuq kwalunkwe persuna li, għal skopijiet ta' gwadann finanzjarju, tassisti jew tipprova tassisti klandestin biex jidħol jew jirresjedi fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti bi ksur tal-liġijiet ta' dik il-Parti Kontraenti dwar id-dħul u r-residenza ta' klandestini." Fid-19 ta' Lulju 2002, il-Kunsill adotta deċiżjoni kwadru dwar il-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin (Ġ.U. L 203/1) li fiha l-Artikolu 1 jagħti definizzjoni dettaljata tar-reati fir-rigward tat-traffikar ta' bnedmin għal skopijiet ta' sfruttament tax-xogħol jew sfruttament sesswali, li l-Istati Membri għandhom jippunixxu, bis-saħħa ta' dik id-deċiżjoni kwadru.

# TITOLU II.

# LIBERTAJIET

## ARTIKOLU 6[1]

### Dritt għal-libertà u għas-sigurtà

Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà.

Spjegazzjoni

Id-drittijiet previsti fl-Artikolu 6[1] jikkorrispondu mad-drittijiet garantiti bl-Artikolu 5 tal-KEDB, u, skond l-Artikolu 52(3) tal-Karta[2], għandhom l-istess sens u kamp ta' l-applikazzjoni. Għaldaqstant, il-limitazzjonijiet li b'mod leġittimu jistgħu jiġu imposti fuqhom ma jistgħux jeċċedu dawk permessi mill-KEDB, fil-kliem ta' l-Artikolu 5:

"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:

a) id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;

b) l-arrest jew id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skond il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;

---

[1] L-Artikolu II-66(3) tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.

ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;

d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skond il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skond il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;

e) id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;

f) l-arrest jew id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.

2. Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.

3. Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.

4. Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi.

5. Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens."

Id-drittijiet miktuba fl-Artikolu 6[1] għandhom jiġu rispettati speċjalment meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw liġijiet u liġijiet kwadru fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, fuq bażi ta' l-Artikoli III-270, III-271 u III–273 tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari sabiex jiġu definiti disposizzjonijiet minimi komuni fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' offiżi u pieni u ċerti aspetti tal-liġi proċedurali.

## ARTIKOLU 7[2]

### Rispett għall-ħajja privata u tal-familja

Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha.

Spjegazzjoni

Id-drittijiet garantiti fl-Artikolu 7[2] jikkorrispondu għal dawk garantiti bl-Artikolu 8 tal-KEDB. Sabiex jittieħed kont ta' l-iżviluppi fit-teknoloġija l-kelma "korrispondenza" ġiet sostitwita b' "komunikazzjonijiet".

---

1 L-Artikolu II-66 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-67 tal-Kostituzzjoni.

Skond l-Artikolu 52(3)[1],is-sens u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan id-dritt huma l-istess bħal dawk ta' l-Artikolu korrispondenti tal-KEDB. Għaldaqstant, il-limitazzjonijiet li b'mod leġittimu jistgħu jiġu imposti fuq dan id-dritt huma l-istess bħal dawk permessi mill-Artikolu 8 tal-KEDB:

"1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu, tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

ARTIKOLU 8[2]

Protezzjoni ta' *data* personali

1. Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardaha.

2. Din id-*data* għandha tiġi trattata b'mod ġust għal skopijiet determinati u fuq bażi tal-kunsens tal-persuna konċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi. Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal *data* miġbura li għandha x'taqsam magħha u d-dritt li tirrettifikaha.

3. L-osservanza ta' dawn ir-regoli għandha titqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti.

---

1 L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-68 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu huwa bbażat fuq l-Artikolu 286 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u fuq id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995) kif ukoll fuq l-Artikolu 8 tal-KEDB u l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward ta' l-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali, li ġiet ratifikata mill-Istati Membri kollha. L-Artikolu 286 tat-Trattat tal-KE jiġi sostitwit bl-Artikolu 51 tal-Kostituzzjoni. Qed issir ukoll referenza għar-regolament Nru. 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (ĠU L 8, 12.1.2001). Id-direttiva u r-regolament hawn fuq imsemmija fihom kondizzjonijiet u limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali.

ARTIKOLU 9[1]

Dritt għaż-żwieġ u dritt għat-twaqqif ta' familja

Id-dritt għaż-żwieġ u d-dritt għat-twaqqif ta' familja huma garantiti skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

1 L-Artikolu II-69 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu hu bbażat fuq l-Artikolu 12 tal-KEDB, li jgħid hekk: "L-irġiel u n-nisa ta' età ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt." Il-mod kif inkiteb dan l-Artikolu ġie mmodernizzat sabiex ikunu koperti każijiet fejn il-leġislazzjoni nazzjonali tirrikonoxxi, apparti miż-żwieġ, arranġamenti oħrajn biex titwaqqaf familja. Dan l-Artikolu la jipprojbixxi u lanqas jimponi l-għoti ta' status ta' żwieġ lil unjonijiet bejn nies ta' l-istess sess. Dan id-dritt hu b'hekk simili għal dak mogħti mill-KEDB, iżda, fejn il-leġislazzjoni nazzjonali tkun tipprovdi b'dan il-mod, l-kamp ta' l-applikazzjoni tiegħu jista' jkun aktar wiesa'.

ARTIKOLU 10[1]

Libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon

1. Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon. Dan id-dritt jimplika l-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, kif ukoll il-libertà li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, waħdu jew ma' oħrajn, fil-pubbliku kif ukoll fil-privat, fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza tar-riti.

2. Id-dritt għall-oġġezzjoni ta' kuxjenza hu rikonoxxut, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

---

[1] L-Artikolu II-70 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Id-dritt garantit fil-paragrafu 1 jikkorrispondi għad-dritt garantit fl-Artikolu 9 tal-KEDB u, skond l-Artikolu 52(3) tal-Karta[1], għandu l-istess sens u kamp ta' l-applikazzjoni. Il-limitazzjonijiet għandhom għalhekk jirrispettaw l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni, li jgħid hekk: "Il-libertà li wieħed juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu suġġetta biss għal dawk il-limitazzjonijiet li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà pubblika, għall-protezzjoni ta' l-ordni pubbliku, tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor."

Id-dritt garantit fil-paragrafu 2 jikkorrispondi għat-tradizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali u għall-iżvilupp tal-leġislazzjoni nazzjonali dwar dan il-punt.

## ARTIKOLU 11[2]

### Libertà ta' l-espressjoni u ta' informazzjoni

1. Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' l-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tirċievi jew tagħti informazzjonijiet u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri.

2. Il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom ikunu rispettati.

---

[1] L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-71 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

1. L-Artikolu 11[1] jikkorrispondi għall-Artikolu 10 tal-KEDB, li jgħid hekk:

"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.

2. L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura."

Skond l-Artikolu 52(3) tal-Karta[2], s-sens u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan id-dritt huma l-istess bħal dawk garantiti mill-KEDB. Il-limitazzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuqu, għalhekk, ma jistgħux jeċċedu dawk previsti fl-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni li tista' tiġi imposta mil-liġi tal-kompetizzjoni ta' l-Unjoni fuq id-dritt ta' Stati Membri li jintroduċu l-arranġamenti dwar l-għoti ta' liċenzji imsemmija fit-tielet sentenza ta' l-Artikolu 10(1) tal-KEDB.

---

1 L-Artikolu II-71 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.

2. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jgħid b'mod ċar liema huma l-konsegwenzi ta' paragrafu 1 fir-rigward tal-libertà tax-xandir. Hu bbażat b'mod partikolari fuq il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-televiżjoni, b'mod partikolari fil-każ C-288/89 (sentenza tal-25 ta' Lulju 1991, Stichting Collectieve Antennevoorziening Gouda u oħrajn ECR I-4007), u fuq il-Protokoll dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri anness mat-Trattat tal-KE u issa mal-Kostituzzjoni, u fuq id-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KE (partikolarment is-sbatax-il premessa tagħha).

## ARTIKOLU 12[1]

### Libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni

1. Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn f'kull livell, b'mod partikolari f'materji politiċi, sindakali, u ċiviċi, li jimplika d-dritt ta' kull persuna li tifforma u tidħol f'sindakali għall-protezzjoni ta' l-interessi tagħha.

2. Il-partiti politiċi f'livell ta' l-Unjoni jikkontribwixxu għall-espressjoni tal-volontà politika taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

1 L-Artikolu II-72 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

1. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jikkorrispondi għall-Artikolu 11 tal-KEDB, li jgħid hekk:

"1 . Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn, inkluż id-dritt li wieħed jifforma u jidħol f'sindakati għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu.

2. Ma għandu jkun hemm ebda restrizzjoni fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interess tas-sigurtà nazzjonali jew tas-sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi l-imposizzjoni ta' restrizzjonijiet skond il-liġi fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet minn membri tal-Forzi Armati, tal-Pulizija jew ta' l-amministrazzjoni ta' l-Istat".

Is-sens tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu 12(1)[1] hu l-istess bħal dak tal-KEDB, iżda l-kamp ta' l-applikazzjoni tagħhom hu aktar wiesa' ladarba japplikaw fil-livelli kollha inkluż il-livell Ewropew. Skond l-Artikolu 52(3) tal-Karta[2], il-limitazzjonijiet fuq dak id-dritt ma jistgħux jeċċedu dawk li huma kkunsidrati leġittimi bis-saħħa ta' l-Artikolu 11(2) tal-KEDB.

2. Dan id-dritt hu bbażat ukoll fuq l-Artikolu 11 tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema.

1 L-Artikolu II-72 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.

3. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jikkorrispondi għall-Artikolu 46(4) tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 13[1]

### Libertà ta' l-arti u x-xjenzi

L-arti u r-riċerka xjentifika huma liberi. Il-libertà akkademika għandha tiġi rispettata.

Spjegazzjoni

Dan id-dritt hu deduċibbli primarjament mid-dritt għal-libertà tal-ħsieb u l-espressjoni. Għandu jiġi eżerċitat b'rispett għall-Artikolu 1[2] u jista' jkun suġġett għal-limitazzjonijiet awtorizzati bl-Artikolu 10 tal-KEDB.

## ARTIKOLU 14[3]

### Dritt għall-edukazzjoni

1. Kull persuna għandha d-dritt għall-edukazzjoni u li jkollha aċċess għall-formazzjoni professjonali u kontinwa.

2. Dan id-dritt jinkludi l-possibilità li wieħed jirċievi edukazzjoni obbligatorja bla ħlas.

---

[1] L-Artikolu II-73 tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-61 tal-Kostituzzjoni.
[3] L-Artikolu II-74 tal-Kostituzzjoni.

3. Il-libertà li jiġu mwaqqfa stabbilimenti ta' tagħlim b'rispett għall-prinċipji demokratiċi kif ukoll id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom, skond it-twemmin reliġjuż, filosofiku u pedagoġiku għandhom jiġu rispettati, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' din il-libertà u ta' dan id-dritt.

Spjegazzjoni

1. Dan l-Artikolu huwa ispirat kemm fuq it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni ta' l-Istati Membri kif ukoll fuq l-Artikolu 2 tal-Protokoll tal-KEDB, li jgħid hekk:
"Ħadd ma għandu jiġi pprivat mid-dritt għall-edukazzjoni. Fl-eżerċizzju ta' kull funzjoni li jassumi dwar edukazzjoni u tagħlim, l-Istat għandu jirrispetta d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw dik l-edukazzjoni u dak it-tagħlim in konformità mal-konvinzjonijiet tagħhom reliġjużi u filosofiċi".

Kien meqjus utli li dan l-Artikolu jiġi estiż għall-aċċess għal taħriġ professjonali u kontinwu (ara punt 15 tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema u l-Artikolu 10 tal-Karta Soċjali) u sabiex jiġi miżjud il-prinċipju ta' edukazzjoni obbligatorja bla ħlas. Kif qiegħed miktub, il-prinċipju ta' l-aħħar jimplika biss li fir-rigward ta' l-edukazzjoni obbligatorja, t-tfal kollha għandu jkollhom il-possibiltà li jattendu stabbiliment li joffri edukazzjoni bla ħlas. Ma jitlobx mill-istabbilimenti kollha li jipprovdu edukazzjoni jew taħriġ professjonali u kontinwu, partikolarment dawk privati, li jkunu bla ħlas. Lanqas ma jeskludi l-fatt li ċerti forom speċifiċi ta' edukazzjoni huma bil-ħlas, jekk l-Istat jieħu miżuri sabiex jagħti kumpens finanzjarju. Safejn il-Karta tapplika għall-Unjoni, dan ifisser li l-Unjoni, fil-politika ta' taħriġ tagħha, għandha tirrispetta l-edukazzjoni obbligatorja bla ħlas, iżda ma għandhiex tinftiehem li toħloq poteri ġodda. Fir-rigward tad-dritt tal-ġenituri, dan għandu jiġi interpretat flimkien mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 24[1].

---

1 L-Artikolu II-84 tal-Kostituzzjoni.

2. Il-libertà sabiex jitwaqqfu stabbilimenti ta' edukazzjoni, pubbliċi jew privati, hi garantita bħala waħda mill-aspetti tal-libertà għat-tmexxija ta' negozju iżda hi limitata bir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u tiġi eżerċitata skond l-arranġamenti definiti mil-leġislazzjoni nazzjonali.

ARTIKOLU 15[1]

Libertà ta' l-għażla tal-mestier u d-dritt għax-xogħol

1. Kull persuna għandha d-dritt li taħdem u li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament.

2. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jfittex impjieg, li jaħdem, li jeżerċita d-dritt ta' stabbiliment u li jagħti servizzi f'kull Stat Membru.

3. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma awtorizzati li jaħdmu fit-territorji ta' l-Istati Membri huma intitolati għall-kondizzjonijiet ta' xogħol ekwivalenti għal dawk li jgawdu ċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

Spjegazzjoni

Il-libertà ta' l-għażla tal-mestier, kif dikjarata fl-Artikolu 15[1], hi rikonoxxuta fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, *fost oħrajn*, is-sentenza ta' l-14 ta' Mejju 1974, Każ 4/73 Nold [1974] ECR 491, paragrafi 12 sa 14 tal-motivazzjonijiet; sentenza tat-13 ta' Diċembru 1979, Każ 44/79 Hauer [1979] ECR 3727; sentenza tat-8 ta' Ottubru 1986, Każ 234/85 Keller [1986] ECR 2897, paragrafu 8 tal-motivazzjonijiet).

---

1 L-Artikolu II-75 tal-Kostituzzjoni.

Dan il-paragrafu huwa ispirat ukoll mill-Artikolu 1(2) tal-Karta Soċjali Ewropea, li ġiet iffirmata fit-18 ta' Ottubru 1961 u ġiet ratifikata mill-Istati Membri kollha, u mill-punt 4 tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tad-9 ta' Diċembru 1989. L-espressjoni "kondizzjonijiet tax-xogħol" għandha tiftiehem fis-sens ta' l-Artikolu III-213 tal-Kostituzzjoni.

It-tieni paragrafu jittratta t-tliet libertajiet garantiti bl-Artikoli I-4 u III-133, III-137 u III-144 tal-Kostituzzjoni, jiġifieri l-libertà ta' ċirkolazzjoni għall-ħaddiema, l-libertà ta' l-istabbiliment u l-libertà li jagħtu servizzi.

It-tielet paragrafu ġie bbażat fuq l-Artikolu 137(3) ir-raba' inċiż TKE, issa sostitwit bl-Artikolu III-210(1)(g) tal-Kostituzzjoni, u fuq l-Artikolu 19(4) tal-Karta Soċjali Ewropea ffirmata fit-18 ta' Ottubru 1961 u ratifikata mill-Istati Membri kollha. L-Artikolu 52(2) tal-Karta[1] hu għalhekk applikabbli. Il-kwestjoni tar-reklutaġġ ta' baħħara li jkollhom in-nazzjonalità ta' Stati terzi għall-ekwipaġġ ta' bastimenti li jtellgħu l-bandiera ta' Stat Membru ta' l-Unjoni tiġi regolata mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali.

ARTIKOLU 16[2]

Libertà ta' intrapriża

Il-libertà ta' intrapriża skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali hija rikonoxxuta.

---

[1] L-Artikolu II-112(2) tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-76 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu hu bbażat fuq il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li rrikonoxxiet il-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali (ara s-sentenzi ta' l-14 ta' Mejju 1974, Każ 4/73 Nold [1974] ECR 491, paragrafu 14 tal-motivazzjonijiet, u tas-27 ta' Settembru 1979, Każ 230-78 SPA Eridiana u oħrajn [1979] ECR 2749, il-paragrafi 20 sa 31 tal-motivazzjonijiet) u l-libertà ta' kuntrattazzjoni (ara inter alia s-sentenza Sukkerfabriken Nykøbing, Każ 151/78 [1979] ECR 1, paragrafu 19 tal-motivazzjonijiet, u s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1999, C-240/97 Spanja vs. Kummissjoni, [1999] ECR I-6571, paragrafu 99 tal-motivazzjonijiet) u l-Artikolu I-3(2) tal-Kostituzzjoni, li jirrikonoxxi l-kompetizzjoni libera. Għandu jinftiehem li dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat b'rispett għad-dritt ta' l-Unjoni u tal-leġislazzjoni nazzjonali. Jista' jkun suġġett għal-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta[1].

ARTIKOLU 17[2]

Dritt għall-proprjetà

1. Kull persuna għandha d-dritt li tgawdi l-proprjetà tal-ġid tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużaha, u li tiddisponi minnha f'ħajjitha jew għal wara mewtha. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. L-użu ta' proprjetà jista' jiġi regolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ mill-interess pubbliku.

2. Il-proprjetà intellettwali hi protetta.

---

1 L-Artikolu II-112(1) tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-77 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu hu bbażat fuq l-Artikolu 1 tal-Protokoll tal-KEDB:
"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni".

Dan hu dritt fundamentali komuni għall-kostituzzjonijiet nazzjonali kollha. Ġie rikonoxxut bosta drabi bil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel darba fis-sentenza Hauer (13 ta' Diċembru 1979, ECR [1979] 3727). Il-kliem ġie aġġornat iżda, skond l-Artikolu 52(3)[1], is-sens u l-kamp ta' l-applikazzjoni tad-dritt huma l-istess bħal dawk tad-dritt garantit mill-KEDB u l-limitazzjonijiet ma jistgħux jeċċedu dawk previsti hemmhekk.

Il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, aspett wieħed mid-dritt għall-proprjetà, hu msemmi espliċitament fil-paragrafu 2 minħabba li qed isir aktar importanti u fil-leġislazzjoni sekondarja tal-Komunità. Il-proprjetà intellettwali tkopri mhux biss il-proprjetà letterarja u artistika iżda wkoll inter alia d-drittijiet ta' privattiva u *trademarks* u drittijiet simili. Il-garanziji stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw kif xieraq għall-proprjetà intellettwali.

1 L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 18[1]

Dritt għall-asil

Id-dritt għall-asil għandu jkun garantit b'rispett għar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-*istatus* ta' refuġjati u skond il-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

It-test ta' dan l-Artikolu ġie bbażat fuq l-Artikolu 63 TKE , issa sostitwit bl-Artikolu III-266 tal-Kostituzzjoni, li jobbliga lill-Unjoni tirrispetta l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-refuġjati. Wieħed għandu jagħmel riferenza għall-Protokolli dwar ir-Renju Unit u l-Irlanda annessi mal-Kostituzzjoni u dak dwar id-Danimarka sabiex jiġi determinat safejn dawk l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni f'dan il-qasam u safejn dan l-Artikolu jkun applikabbli għalihom. Dan l-Artikolu hu konformi mal-Protokoll dwar l-asil anness mal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 19[2]

Protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni

1. It-tkeċċijiet kollettivi huma projbiti.

[1] L-Artikolu II-78 tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-79 tal-Kostituzzjoni.

2. Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għal tortura jew għal pieni jew trattament ieħor inuman jew degradanti.

Spjegazzjoni

Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu l-istess sens u kamp ta' l-applikazzjoni bħall-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru. 4 tal-KEDB dwar it-tkeċċija kollettiva. L-iskop tiegħu hu li jiggarantixxi li kull deċiżjoni tkun ibbażata fuq eżami speċifiku u li ma tkun tista' tittieħed ebda miżura biex jiġu mkeċċija ċ-ċittadini kollha li jkollhom in-nazzjonalità ta' Stat partikolari (ara wkoll l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi).

Il-paragrafu 2 jinkorpora l-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' l-Artikolu 3 tal-KEDB (ara Ahmed vs. Awstrija, sentenza tas-17 ta' Diċembru 1996, [1996] ECR VI-2206 u Soering, sentenza tas-7 ta' Lulju 1989).

# TITOLU III

# L-UGWALJANZA

## ARTIKOLU 20[1]

### Ugwaljanza f'għajnejn il-liġi

Kull persuna hija ugwali f'għajnejn il-liġi.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu jikkorrispondi għal prinċipju ġenerali tal-liġi li hu nkluż fil-Kostituzzjonijiet Ewropej kollha u ġie wkoll rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala prinċipju bażiku tal-liġi Komunitarja (sentenza tat-13 ta' Novembru 1984, Każ 283/83 Racke [1984] ECR 3791, sentenza tas-17 ta' April 1979, Każ 15/95 EARL [1997] ECR I-1961, u s-sentenza tat-13 ta' April 2000, Każ 292/97 Karlsson, [2000] ECR 2737).

## ARTIKOLU 21[2]

### Non-diskriminazzjoni

1. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, l-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, l-karatteristiċi ġenetiċi, l-lingwa, r-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, l-proprjetà, it-twelid, id-disabilità, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali hi projbita.

---

[1] L-Artikolu II-80 tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-81 tal-Kostituzzjoni.

2. Fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni u mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni speċifika tagħha, kull diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità hi projbita.

Spjegazzjoni

Il-paragrafu 1 huwa ispirat mill-Artikolu 13 tat-Trattat KE, issa sostitwit bl-Artikolu III-124 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 14 tal-KEDB u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina fir-rigward tal-wirt ġenetiku. Safejn jikkorrispondi ma' l-Artikolu 14 tal-KEDB, japplika b'mod konformi miegħu.

Ma hemm l-ebda kontradizzjoni jew inkompatibbiltà bejn il-paragrafu 1 u l-Artikolu III-124 tal-Kostituzzjoni li għandu kamp ta' applikazzjoni u għan differenti: l-Artikolu III-124 jikkonferixxi s-setgħa lill-Unjoni li tadotta atti leġislattivi, inkluża l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri, biex jikkumbattu ċerti forom ta' diskriminazzjoni li huma elenkati f'dak l-Artikolu b'mod eżawrjenti. Tali leġislazzjoni tista' tkopri l-azzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri (kif ukoll relazzjonijiet bejn individwi privati) fi kwalunkwe qasam fil-limitu tas-setgħat ta' l-Unjoni. 'Għall-kuntrarju, d-disposizzjoni fl-Artikolu 21[1] ma toħloq ebda setgħa li jidħlu fis-seħħ liġijiet anti-diskriminazzjoni f'dawn l-oqsma ta' azzjoni minn Stat Membru jew azzjoni privata, u lanqas ma tistabbilixxi projbizzjoni ġenerali ta' diskriminazzjoni f'oqsma tant vasti bħal dawn. Fil-fatt, għandha x'taqsam biss mad-diskriminazzjoni mill-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, meta jeżerċitaw is-setgħat konferiti taħt Artikoli oħrajn tal-Partijiet I u III tal-Kostituzzjoni, u mill-Istati Membri, biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni. Għalhekk, il-paragrafu 1 la jestendi l-medda tas-setgħat konferiti taħt l-Artikolu III-124 u lanqas l-interpretazzjoni ta' dak l-Artikolu.

Il-paragrafu 2 jikkorrispondi għall-Artikolu I-4(2) tal-Kostituzzjoni u għandu jiġi applikat b'mod konformi ma' dak l-Artikolu.

---

1 L-Artikolu II-81 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 22[1]

Diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika

L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu ġie bbażat fuq l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fuq l-Artikolu 151(1) u (4) tat-Trattat KE, issa sostitwit bl-Artikolu III-280(1) u (4) tal-Kostituzzjoni, dwar il-kultura. Ir-rispett għad-diversità kulturali u lingwistika huwa issa stabbilit ukoll fl-Artikolu I-3(3) tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu hu wkoll ispirat mid-dikjarazzjoni Nru. 11 ta' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam dwar l-istatus ta'l-knejjes u ta' l-organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, issa assunt fl-Artikolu I-52 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 23[2]

Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inkluż l-impjieg, ix-xogħol u l-paga.

Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza m'għandux jimpedixxi li jinżammu fis-seħħ jew jiġu adottati miżuri maħsuba biex jagħtu vantaġġi speċifiċi lis-sess l-anqas rappreżentat.

---

1 L-Artikolu II-82 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-83 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

L-ewwel paragrafu ġie bbażat fuq l-Artikoli 2 u 3(2) tat-Trattat KE, issa sostitwiti bl-Artikoli I-3 u III-116 tal-Kostituzzjoni li jimponu fuq l-Unjoni l-mira li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-Artikolu 141(1) tat-Trattat KE, issa sostitwit bl-Artikolu III-214(1) tal-Kostituzzjoni. Huwa ispirat mill-Artikolu 20 tal-Karta Soċjali Ewropea riveduta tat-3 ta' Mejju 1996, u mill-punt 16 tal-Karta Komunitarja dwar id-drittijiet tal-ħaddiema.

Hu wkoll ibbażat fuq l-Artikolu 141(3) tat-Trattat KE, issa sostitwit bl-Artikolu III-214(3) tal-Kostituzzjoni, u fuq l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, t-taħriġ professjonali, l-promozzjoni, u l-kondizzjonijiet tax-xogħol.

Il-paragrafu 2 huwa ispirat f'forma iqsar mill-Artikolu III-214(4) tal-Kostituzzjoni fejn hemm previst li l-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux jipprevjeni ż-żamma jew l-adozzjoni ta' miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi sabiex ikun iktar faċli għas-sess l-inqas irrappreżentat li jwettaq attività professjonali jew sabiex jipprevjeni l-iżvantaġġi fil-karriera professjonali jew jikkumpensa għalihom. F'konformità ma' l-Artikolu 52 (2)[1], il-paragrafu preżenti ma jemendax l-Artikolu III-214(4).

---

1 L-Artikolu II-112(2) tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 24[1]

Drittijiet tat-tfal

1. It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura li hija meħtieġa għall-ġid tagħhom. Jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament. Dawn l-opinjonijiet għandhom jitqiesu f'materji li jirrigwardawhom skond l-età u l-maturità tagħhom.

2. Fl-azzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja.

3. It-tfal kollha għandhom id-dritt li jkollhom, fuq bażi regolari, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan mhuwiex kontra l-interessi tat-tfal.

Spjegazzjoni

L-Artikolu hu bbażat fuq il-Konvenzjoni ta' New York dwar id-Drittijiet tat-Tfal iffirmata fl-20 ta' Novembru 1989 u ratifikata mill-Istati Membri kollha, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 9, 12 u 13 tagħha.

Il-paragrafu 3 jieħu kont tal-fatt li, bħala parti mill-istabbiliment ta' żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, l-leġislazzjoni ta' l-Unjoni f'materji ċivili b'implikazzjonijiet transkonfinali, li għaliha III-269 tal-Kostituzzjoni jikkonferixxi poteri, tista' tinkludi b'mod partikolari drittijiet għal żjajjar sabiex ikun żgurat li t-tfal jistgħu jżommu kuntatt personali u dirett maż-żewġ ġenituri tagħhom fuq bażi regolari.

[1] L-Artikolu II-84 tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 25[1]

### Drittijiet ta' l-anzjani

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet ta' l-anzjani li jgħixu ħajja ta' dinjità u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu huwa ispirat mill-Artikolu 23 tal-Karta Soċjali Ewropea riveduta u l-Artikoli 24 u 25 tal-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema. Għandu jinftiehem li l-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali u kulturali tkopri wkoll il-parteċipazzjoni fil-ħajja politika.

## ARTIKOLU 26[2]

### Integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.

Spjegazzjoni

Il-prinċipju stabbilit f'dan l-Artikolu hu bbażat fuq l-Artikolu 15 tal-Karta Soċjali Ewropea u huwa ispirat wkoll minn punt 26 tal-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema.

[1] L-Artikolu II-85 tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-86 tal-Kostituzzjoni.

# TITOLU IV

# SOLIDARJETÀ

## ARTIKOLU 27[1]

### Dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-impriża

Il-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom, fil-livelli xierqa, jkunu garantiti li jingħataw informazzjoni u li jiġu kkonsultati fi żmien utli fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu jidher fil-Karta Soċjali Ewropea riveduta (l-Artikolu 21) u fil-Karta Komunitarja dwar id-drittijiet tal-Ħaddiema (il-punti 17 u 18). Japplika skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet nazzjonali. Ir-referenza għal livelli xierqa tirrigwarda l-livelli stabbiliti mid-dritt ta' l-Unjoni jew mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali li jistgħu jinkludu l-livell Ewropew fejn il-leġislazzjoni ta' l-Unjoni tipprovdi b'dan il-mod. F'dan il-qasam hu importanti l-*acquis* ta' l-Unjoni: l-Artikoli III-211 u III-212 tal-Kostituzzjoni, u d-Direttivi 2002/14/KE (kwadru ġenerali sabiex il-ħaddiema fil-Komunità Ewropea jiġu infurmati u kkonsultati ), 98/59/KE (tkeċċija kollettiva mix-xogħol), 2001/23/KE (trasferimenti ta' impriżi) u 94/45/KE (kumitati ta' l-impriżi Ewropej).

1 L-Artikolu II-87 tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 28[1]

### Dritt ta' negozjar u azzjoni kollettiva

Il-ħaddiema u dawk li jħaddmu, jew l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, għandhom, skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, d-dritt li jinnegozjaw u li jikkonkludu ftehim kollettivi fil-livelli xierqa u, fil-każ ta' konflitti ta' interess, li jieħdu azzjoni kollettiva inkluża l-azzjoni li jistrajkjaw sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu hu bbażat fuq l-Artikolu 6 tal-Karta Soċjali Ewropea u fuq il-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema (il-punti 12 sa 14). Id-dritt għal azzjoni kollettiva kien rikonoxxut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala wieħed mill-elementi tad-drittijiet sindakali stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-KEDB. Fir-rigward tal-livelli approprjati li fihom ikunu jistgħu jsiru negozjati kollettivi, ara l-ispjegazzjoni għall-Artikolu preċedenti. Il-modalitajiet u l-limiti għall-eżerċizzju ta' azzjoni kollettiva, inkluża l-azzjoni ta' strajk, jaqgħu taħt il-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, inkluża l-kwistjoni 'jekk dan jistax isir fl-istess ħin f'diversi Stati Membri.

## ARTIKOLU 29[2]

### Dritt ta' aċċess għal servizzi ta' impjieg

Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal servizz ta' impjieg mingħajr ma tħallas.

---

1 L-Artikolu II-88 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-89 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu hu bbażat fuq l-Artikolu 1(3) tal-Karta Soċjali Ewropea, u l-punt 13 tal-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiem.

ARTIKOLU 30[1]

Protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija nġusta

Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-protezzjoni kontra tkeċċija inġusta, skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu huwa ispirat mill-Artikolu 24 tal-Karta Soċjali riveduta. Ara wkoll id-Direttiva 2001/23/KE dwar il-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiem f'każ ta' trasferimenti ta' impriżi, u d-Direttiva 80/987/KEE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiem f'każ tal-falliment ta' min iħaddimhom, kif emendata bid-Direttiva 2002/74/KE.

ARTIKOLU 31[2]

Kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa

1. Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, s-sigurtà u d-dinjità tiegħu.

---

1 L-Artikolu II-90 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-91 tal-Kostituzzjoni.

2. Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' *leave* imħallas.

Spjegazzjoni

1. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu hu bbażat fuq id-Direttiva 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jħeġġu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Huwa ispirat wkoll mill-Artikolu 3 tal-Karta Soċjali u mill-punt 19 tal-Karta Komunitarja dwar id-drittijiet tal-ħaddiem, u, fir-rigward tad-dinjità fix-xogħol, mill-Artikolu 26 tal-Karta Soċjali riveduta. L-espressjoni "kondizzjonijiet tax-xogħol" għandha tinftiehem fis-sens ta' l-Artikolu III-213 tal-Kostituzzjoni.

2. Il-paragrafu 2 hu bbażat fuq id-Direttiva 93/104/KE dwar ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol, l-Artikolu 2 tal-Karta Soċjali Ewropea u l-punt 8 tal-Karta Komunitarja dwar id-drittijiet tal-ħaddiem.

ARTIKOLU 32[1]

Projbizzjoni ta' impjieg ta' tfal u protezzjoni ta' żgħażagħ fuq ix-xogħol

L-impjieg tat-tfal huwa projbit. L-età minima għall-ammissjoni għal impjieg ma tistax tkun anqas mill-età li fiha jispiċċa l-obbligu ta' l-iskola, bla preġudizzju għal regoli iktar favorevoli għaż-żgħażagħ u salvi derogi limitati.

---

[1] L-Artikolu II-92 tal-Kostituzzjoni.

Iż-żgħażagħ li jingħataw xogħol għandhom igawdu minn kondizzjonijiet ta' xogħol skond l-età tagħhom u għandhom ikunu protetti kontra l-isfruttament ekonomiku u kontra kull xogħol li jista' jipperikola s-sigurtà, s-saħħa jew l-iżvilupp fiżiku, mentali, morali jew soċjali tagħhom, jew li jikkomprometti l-edukazzjoni tagħhom.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu huwa bbażat fuq id-Direttiva 94/33/KE dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol, fuq l-Artikolu 7 tal-Karta Soċjali Ewropea u fuq il-punti 20 sa 23 tal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema.

## ARTIKOLU 33[1]

### Ħajja tal-familja u professjonali

1. Il-familja għandha tgawdi minn protezzjoni legali, ekonomika u soċjali.

2. Sabiex wieħed jirrikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali, kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni mit-tkeċċija għal xi raġuni konnessa mal-maternità, u d-dritt għal-*leave* tal-maternità mħallas u għal-*leave* parentali wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel jew tifla.

[1] L-Artikolu II-93 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

L-Artikolu 33(1)[1] huwa bbażat fuq l-Artikolu 16 tal-Karta Soċjali Ewropea. It-tieni paragrafu huwa ispirat mid-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fuq il-post tax-xogħol, tas-sigurtà u tas-saħħa ta' ħaddiema fi stat ta' tqala u ta' ħaddiema li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu, u mid-Direttiva 96/34/KE rigward il-ftehim kwadru dwar il-*leave* tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, s-CEEP u l-ETUC. Huwa wkoll ibbażat fuq l-Artikolu 8 (dwar il-protezzjoni tal-maternità) tal-Karta Soċjali Ewropea u huwa ispirat mill-Artikolu 27 (dwar id-dritt tal-ħaddiema li għandhom responsabbiltajiet tal-familja, għal opportunitajiet ugwali u trattament ugwali). Il-kelma "maternità" tkopri l-perjodu mill-konċepiment sal-ftim.

ARTIKOLU 34[2]

Sigurtà soċjali u assistenza soċjali

1. L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali u servizzi soċjali li jipprovdu protezzjoni f'każijiet bħal ma huma l-maternità, l-mard, l-inċidenti industrijali, d-dipendenza jew l-anzjanità, u fil-kaz ta' telf ta' xogħol, skond ir-regoli stipulati mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

2. Kull min jirrisjedi jew imur minn post għal ieħor legalment fl-Unjoni Ewropea hu intitolat għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali u l-vantaġġi soċjali skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

1 L-Artikolu II-93 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-94 tal-Kostituzzjoni.

3. Sabiex jiġu kkumbattuti l-esklużjoni soċjali u l-faqar, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għall-għajnuna soċjali u ta' akkomodazzjoni sabiex tiżgura l-eżistenza deċenti għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti, skond ir-regoli stabbiliti fil-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

Spjegazzjoni

Il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 34(1)[1] huwa bbażat fuq l-Artikoli 137 u 140 tat-Trattat tal-KE, issa sostitwiti bl-Artikoli III-210 u III-213 u fuq l-Artikolu 12 tal-Karta Soċjali Ewropea u l-punt 10 tal-Karta Komunitarja dwar id-drittijiet tal-ħaddiema. L-Unjoni għandha tirrispettah meta teżerċita l-poteri mogħtija lilha permezz ta' l-Artikoli III-210 u III-213 tal-Kostituzzjoni. Ir-referenza għas-servizzi soċjali tirrigwarda każijiet li fihom dawn is-servizzi ġew introdotti sabiex jiggarantixxu ċerti benefiċċji, iżda ma timplikax li dawn is-servizzi għandhom jinħolqu fejn dawn ma jeżistux. Il-kelma "maternità” għandha 'tinftiehem bl-istess tifsira li għandha fl-Artikolu preċedenti.

It-tieni paragrafu huwa bbażat fuq l-Artikoli 12(4) u 13(4) tal-Karta Soċjali Ewropea u fuq il-punt 2 tal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema u jirrifletti r-regoli li ġejjin mir-Regolament Nru. 1408/71 u r-Regolament Nru. 1612/68.

It-tielet paragrafu huwa ispirat mill-Artikolu 13 tal-Karta Soċjali Ewropea u mill-Artikoli 30 u 31 tal-Karta Soċjali riveduta u mill-punt 10 tal-Karta Komunitarja. Dan għandu jiġi rispettat mill-Unjoni fil-kuntest ta' kull politika ibbażata fuq l-Artikolu III-210 tal-Kostituzzjoni.

1 L-Artikolu II-94 tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 35[1]

### Protezzjoni tas-saħħa

Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal assistenza medika preventiva u d-dritt li tgawdi minn kura medika skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni.

Spjegazzjoni

Il-prinċipji stabbiliti f'dan l-Artikolu huma bbażati fuq l-Artikolu 152 tat-Trattat tal-KE, issa sostitwit bl-Artikolu III-278 tal-Kostituzzjoni, u fuq l-Artikoli 11 u 13 tal-Karta Soċjali Ewropea. It-tieni sentenza ta' l-Artikolu hija l-istess bħall-Artikolu III-278(1).

## ARTIKOLU 36[2]

### Aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif previst fil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, skond il-Kostituzzjoni, sabiex tippromwovi l-koeżjoni soċjali u territorjali ta' l-Unjoni.

---

1 L-Artikolu II-95 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-96 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu huwa kompletament konformi ma' l-Artikolu III-122 tal-Kostituzzjoni u ma joħloq l-ebda dritt ġdid. Hu sempliċiment jistabbilixxi l-prinċipju ta' rispett, mill-Unjoni għall-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif previsti mid-disposizzjonijiet nazzjonali, meta dawn id-disposizzjonijiet huma kompatibbli mad-dritt ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU 37[1]

Protezzjoni ta' l-ambjent

Livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u t-titjib fil-kwalità ta' l-ambjent għandhom jiġu integrati fil-politika ta' l-Unjoni u għandhom jiġu żgurati skond il-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Spjegazzjoni

Il-prinċipji stabbiliti f'dan l-Artikolu ġew ibbażati fuq l-Artikoli 2, 6 u 174 tat-Trattat tal-KE, li issa ġew sostitwiti bl-Artikoli I-3(3), III-119 u III-233 tal-Kostituzzjoni.

Dan l-Artikolu huwa ispirat ukoll mid-disposizzjonijiet ta' ċerti kostituzzjonijiet nazzjonali.

1 L-Artikolu II-97 tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 38[1]

### Protezzjoni tal-konsumatur

Il-politika ta' l-Unjoni tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Spjegazzjoni

Il-prinċipji stabbiliti f'dan l-Artikolu ġew ibbażati fuq l-Artikolu 153 tat-Trattat tal-KE, issa sostitwit bl-Artikolu III-235 tal-Kostituzzjoni.

## TITOLU V.

## ĊITTADINANZA

## ARTIKOLU 39[2]

### Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedi, skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

2. Il-membri tal-Parlament Ewropew jiġu eletti b'vot dirett universali li hu liberu u sigriet.

---

[1] L-Artikolu II-98 tal-Kostituzzjoni.
[2] L-Artikolu II-99 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

L-Artikolu 39[1] japplika skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Partijiet I u III tal-Kostituzzjoni, skond l-Artikolu 52(2)[2] tal-Karta. Fil-fatt l-Artikolu 39(1)[1] jikkorrispondi għad-dritt garantit bl-Artikolu 10(2) tal-Kostituzzjoni (ara wkoll il-bażi ġuridika ta' l-Artikolu III-126 għall-adozzjoni ta' arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt) u l-Artikolu 39(2) jikkorrispondi ma' l-Artikolu 20(2) tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 39(2)[1] jipproduċi l-prinċipji bażiċi tas-sistema elettorali fi Stat demokratiku.

## ARTIKOLU 40[3]

### Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali

Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u d-dritt li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn jirrisjedi skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu jikkorrispondi għad-dritt garantit bl-Artikolu 10(2) tal-Kostituzzjoni (ara ukoll il-bażi ġuridika ta' l-Artikolu III-126 għall-adozzjoni ta' arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt). Skond l-Artikolu 52(2)[2] tal-Karta, dan japplika skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn l-Artikoli tal-Partijiet I u III tal-Kostituzzjoni.

---

1 L-Artikolu II-99 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-112(2) tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-100 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 41[1]

Dritt għal amministrazzjoni tajba

1. Kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi trattat b'mod imparzjali, b'mod ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni.

2. Dan id-dritt jinkludi:

- id-dritt ta' kull persuna li tagħti l-opinjoni tagħha, qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha ħażin;

- id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għat-tagħrif uffiċjali miġbura dwarha, filwaqt li jiġu rispettati l-interessi leġittimi ta' kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju;

- l-obbligu ta' l-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

3. Kull persuna għandha d-dritt li l-Unjoni tagħmel tajjeb għal danni kkaġunati mill-istituzzjonijiet jew l-impjegati tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri.

4. Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni f'waħda mil-lingwi tal-Kostituzzjoni u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa.

[1] L-Artikolu II-101 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

L-Artikolu 41[1] huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' l-Unjoni bħala entità suġġetta għall-istat tad-dritt li l-karatteristiċi tiegħu kienu żviluppati fil-każistika li għamlet, b'mod partikolari, l-amministrazzjoni tajba bħala prinċipju ġenerali tad-dritt (ara, inter alia, s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Marzu 1992 fil-Każ C-255/90 P, Burban [1992] ECR I-2253, u s-sentenzi tal-Qorti ta' Prim' Istanza tat-18 ta' Settembru 1995 fil-Każ T-167/94 Nölle [1995] ECR II-2589, u tad-9 ta' Lulju 1999 fil-Każ T-231/97 New Europe Consulting u oħrajn [1999] ECR II-2403). It-test li jistabbilixxi dak id-dritt fl-ewwel żewġ paragrafi ġej mill-każistika (is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Ottubru 1987 fil-każ 222/86 Heylens [1987] ECR 4097, il-paragrafu 15 tal-motivazzjoni tas-sentenza, s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 1989 fil-każ 374/87 Orkem [1989] ECR 3283, is-sentenza tal-21 ta' November 1991 fil-Każ C-269/90 TU München [1991] ECR I-5469, u s-sentenzi tal-Qorti ta' 'Prim' Istanza tas-6 ta' Diċembru 1994 fil-każ T-450/93 Lisrestal [1994] ECR II-1177, tat-18 ta' Settembru 1995 fil-każ T-167/94 Nölle [1995] ECR II-258), u t-test li jirrigwardja l-obbligu li jingħataw raġunijiet ġej mill-Artikolu 253 tat-Trattat tal-KE, issa sostitwit mill-Artikolu 38(2) tal-Kostituzzjoni (ara wkoll il-bażi ġuridika fl-Artikolu III-398 tal-Kostituzzjoni għall-adozzjoni ta' leġislazzjoni fl-interessi ta' amministrazzjoni Ewropea li hija miftuħa, effiċjenti u indipendenti).

Il-paragrafu 3 jirriproduċi d-dritt li issa huwa garantit bl-Artikolu III-431 tal-Kostituzzjoni. Il-paragrafu 4 jirriproduċi d-dritt li issa huwa garantit bl-Artikoli I-10(2)(d), u III-129 tal-Kostituzzjoni. Skond l-Artikolu 52(2)[2] tal-Karta, dawk id-drittijiet għandhom japplikaw skond il-kondizzjonijiet u fil-limiti definiti mill-Parti III tal-Kostituzzjoni.

Id-dritt għal rimedju effettiv, li huwa aspett importanti ta' din il-kwistjoni, huwa garantit fl-Artikolu 47 ta' din il-Karta[3].

---

1 L-Artikolu II-101 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-112(2) tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-107 tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 42[1]

### Dritt ta' aċċess għal dokumenti

Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, tkun xi tkun il-forma li fiha jkunu saru.

Spjegazzjoni

Id-dritt garantit f'dan l-Artikolu ġie meħud mill-Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE, li fuq bażi tiegħu ġie sussegwentement adottat ir-Regolament 1049/2001. Il-Konvenzjoni Ewropea estendiet dan id-dritt fir-rigward ta' dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi u ta' l-aġenziji b'mod ġenerali, tkun xi tkun il-forma li fiha jkunu saru, (ara l-Artikolu I-50(3) tal-Kostituzzjoni). Skond l-Artikolu 52(2) tal-Karta[2], id-dritt ta' aċċess għal dokumenti huwa eżerċitat skond il-kondizzjonijiet u fil-limiti li huma previsti fl-Artikoli I-50(3) u III-399 tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 43[3]

### Ombudsman Ewropew

Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi jew ta' l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

---

1 L-Artikolu II-102 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-112(2) tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-103 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Id-dritt li huwa garantit b'dan l-Artikolu huwa d-dritt garantit bl-Artikoli I-10 u III-335 tal-Kostituzzjoni). Skond l-Artikolu 52(2)[1] tal-Karta, dan japplika skond il-kondizzjonijiet definiti f'dawn iż-żewġ Artikoli.

ARTIKOLU 44[2]

Dritt ta' petizzjoni

Kull ċittadin ta' l-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew.

Spjegazzjoni

Id-dritt li huwa garantit b'dan l-Artikolu huwa d-dritt garantit bl-Artikoli I-10 u III-334 tal-Kostituzzjoni. Skond l-Artikolu 52(2)[1] tal-Karta, dan japplika skond il-kondizzjonijiet definiti f'dawn iż-żewġ Artikoli.

ARTIKOLU 45[3]

Libertà ta' moviment u ta' residenza

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt ta' libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju ta' l-Istati Membri.

---

1 L-Artikolu II-112(2) tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-104 tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-105 tal-Kostituzzjoni.

2. Il-libertà tal-moviment u tar-residenza tista' tingħata, skond il-Kostituzzjoni, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru.

Spjegazzjoni

Id-dritt garantit mill-paragrafu 1 huwa d-dritt garantit mill-Artikolu I-10(2)(a) tal-Kostituzzjoni (ara wkoll il-bażi ġuridika fl-Artikolu III –125; u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2002, C-413/99 Baumbast, [2002] ECR 709). Skond l-Artikolu 52(2)[1] tal-Karta, dan japplika skond il-kondizzjonijiet u fil-limiti li huma previsti fil-Parti III tal-Kostituzzjoni.

Il-paragrafu 2 jirriferi għall-kompetenza mogħtija lill-Unjoni permezz ta' l-Artikoli III-265 sa III-267 tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement, l-għoti ta' dan id-dritt jiddependi fuq l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza mill-istituzzjonijiet.

ARTIKOLU 46[2]

Protezzjoni diplomatika u konsulari

Kull cittadin ta' l-Unjoni jkun intitolat, fit-territorju ta' pajjiż terz li fih l-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin ma jkunx rappreżentat, li jgawdi mill-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari ta' kull Stat Membru, bl-istess kondizzjonijiet taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

1 L-Artikolu II-112(2) tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-106 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Id-dritt garantit minn dan l-Artikolu huwa d-dritt garantit mill-Artikolu I-10 tal-Kostituzzjoni; ara wkoll il-bażi ġuridika fl-Artikolu III –127. Skond l-Artikolu 52(2)[1], dan japplika skond il-kondizzjonijiet definiti f'dawn iż-żewġ Artikoli.

## TITOLU VI

## ĠUSTIZZJA

### ARTIKOLU 47[2]

Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali

Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mid-dritt ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibilità li tieħu parir, ikollha difiża u tkun rappreżentata.

Għajnuna legali għandha tingħata lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija neċessarja sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.

---

1 L-Artikolu II-112(2) tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-107 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

L-ewwel paragrafu huwa bbażat fuq l-Artikolu 13 tal-KEDB:

"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali".

Madankollu, fid-dritt ta' l-Unjoni l-protezzjoni hija aktar estiża billi tiggarantixxi d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti. Il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Mejju 1986 irrikonoxxiet dak il-jedd bħala prinċipju ġenerali tad-dritt ta' l-Unjoni (fil-Każ 222/84 Johnston [1986] ECR 1651; ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1987, il-Każ 222/86 Heylens [1987] ECR 4097 u s-sentenza tat-3 ta' Diċembru 1992, il-Każ C-97/91 Borelli [1992] ECR I-6313). Skond il-Qorti, dak il-prinċipju ġenerali tad-dritt ta' l-Unjoni japplika wkoll għall-Istati Membri meta dawn ikunu qegħdin jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni. L-inklużjoni ta' din il-każistika fil-Karta ma kinetx intiża sabiex tbiddel is-sistema tar-reviżjoni ġudizzjarja stabbilita mit-Trattati, u partikolarment ir-regoli dwar l-ammissibbiltà ta' rikorsi magħmula direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Konvenzjoni Ewropea ikkunsidrat is-sistema ta' l-Unjoni tar-reviżjoni ġudizzjarja inklużi r-regoli dwar l-ammissibbiltà, u kkonfermatha waqt li emendatha fir-rigward ta' ċerti aspetti, kif ġie rifless fl-Artikoli III-353 sa III-381 tal-Kostituzzjoni, u b'mod partikolari fl-Artikolu III-365(4). L-Artikolu 47[1] japplika għall-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, u ta' l-Istati Membri meta dawn ikunu qegħdin jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni u dan jagħmlu fir-rigward tad-drittijiet kollha li huma garantiti mid-dritt ta' l-Unjoni.

---

[1] L-Artikolu II-107 tal-Kostituzzjoni.

It-tieni paragrafu jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB li jinqara kif ġej:

"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja".

Fid-dritt ta' l-Unjoni, d-dritt għal tribunal mhuwiex limitat għal tilwim konness ma' drittijiet u obbligi ta' natura ċivili. Huwa wieħed mill-konsegwenzi tal-fatt li l-Unjoni hija Komunità ibbażata fuq l-istat tad-dritt kif ġie dikjarat mill-Qorti fil-Każ 194/83, 'Les Verts' vs. il-Parlament Ewropew (sentenza tat-23 ta' April 1986, [1988] ECR 1339). Madankollu, fir-rigward ta' l-aspetti kollha barra dak ta' l-kamp ta' l-applikazzjoni tagħhom, il-garanziji mogħtija mill-KEDB japplikaw b'mod simili għall-Unjoni.

Fir-rigward tat-tielet paragrafu, ta' min jinnota li skond il-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għandu jsir provvediment għal għajnuna legali fejn in-nuqqas ta' din l-għajnuna jagħmilha impossibbli li jiġi żgurat rimedju effettiv (Sentenza tal-KEDB tad-9.10.1979, Airey, Serje A, Volum 32, 11). Teżisti wkoll sistema ta' għajnuna legali għall-każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU 48[1]

### Preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għal difiża

1. Kull imputat għandu jkun preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati skond il-liġi.

2. Għandu jiġi garantit ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża ta' kull imputat.

Spjegazzjoni

L-Artikolu 48[1] huwa l-istess bħall-Artikolu 6(2) u (3) tal-KEDB, li jinqara kif ġej:

"2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi.

3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

a). li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni ta' l-akkuża kontra tiegħu;

b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

---

1 L-Artikolu II-108 tal-Kostituzzjoni.

(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti".

Skond l-Artikolu 52(3)[1], dan id-dritt għandu l-istess sens u l-istess kamp ta' l-applikazzjoni bħad-dritt garantit mill-KEDB.

ARTIKOLU 49[2]

Prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni

1. L-ebda persuna m'għandha tinstab ħatja ta' reat għal xi att jew ommissjoni li fiż-żmien meta sar jew saret ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew id-dritt internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena ogħla minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li jsir r-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena tkun applikabbli.

2. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċess u l-piena ta' kull persuna għal kull att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, kien jew kienet reat skond il-prinċipji ġenerali rikonoxxuti mill-komunità tan-nazzjonijiet.

3. Is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.

1 L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-109 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu isegwi r-regola tradizzjonali tan-non-retroattività tal-liġijiet u tas-sanzjonijiet kriminali. Ġiet miżjuda r-regola tar-retroattività ta' liġi penali li tkun aktar klementi, liema regola teżisti f'għadd ta' Stati Membri u li tinstab fl-Artikolu 15 tal-Patt dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi.

L-Artikolu 7 tal-KEDB jinqara kif ġej:

"1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.

2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati".

Fil-paragrafu 2, ir-referenza għall-kelma "ċivilizzati" ġiet imħassra; dan ma jbiddel bl-ebda mod is-sens ta' dan il-paragrafu, li jirreferi partikolarment għar-reati kontra l-umanità. Skond l-Artikolu 52(3)[1], id-dritt li huwa garantit hawnhekk għandu għalhekk l-istess sens u l-istess kamp ta' l-applikazzjoni bħad-dritt garantit mill-KEDB.

Il-paragrafu 3 jasserixxi l-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità bejn pieni u reati kriminali, li huwa protett mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni ta' l-Istati Membri u mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet.

1 L-Artikolu II-112(3) tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 50[1]

### Dritt li wieħed ma jiġix ġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċeduri kriminali għall-istess reat

L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun proċessata jew punita fi proċeduri kriminali għal reat li tiegħu tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fi ħdan l-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.

Spjegazzjoni

L-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru. 7 tal-KEDB jinqara kif ġej:

"1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l- Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skond il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skond il-liġi u l-proċedura penali ta' l-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.

3. Ebda deroga minn dan l-Artikolu ma għandha ssir taħt l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni".

Ir-regola tan-"non bis in idem" tapplika fid-dritt ta' l-Unjoni (ara, fost il-ħafna preċedenti, s-sentenza tal-5 ta' Mejju 1966, il-Każijiet 18/65 u 35/65, Gutmann vs. Kummissjoni [1966]) ECR 103 u għal każ reċenti, s-sentenza tal-Qorti tal-'Prim' Istanza ta' l- 20 ta' April 1999, il-Każijiet Konġunti T-305/94 u oħrajn, Limburgse Vinyl Maatschappij NV vs. Kummissjoni [1999] ECR II-931). Ir-regola li tipprojbixxi l-kumulu tirriferi għall-kumulu ta' żewġ pieni ta' l-istess xorta, jiġifieri pieni kriminali.

---

[1] L-Artikolu II-110 tal-Kostituzzjoni.

Skond l-Artikolu 50[1], ir-regola tan-"non bis in idem" tapplika mhux biss fil-ġurisdizzjoni ta' Stat wieħed izda wkoll bejn il-ġurisdizzjonijiet ta' diversi Stati Membri. Dan jikkorrispondi ma' l-*acquis* fid-dritt ta' l-Unjoni; ara l-Artikoli 54 sa 58 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Frar 2003, C-187/01 Gozutok (li għadha ma ġietx ippubblikata), l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Interessi Finanzjarji tal-Komunità u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-eċċezzjonijiet ferm limitati f'dawk il-Konvenzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mir-regola tan-"non bis in idem" huma koperti mill-klawżola orizzontali fl-Artikolu 52(1)[2] tal-Karta li tikkonċerna l-limitazzjonijiet. Fir-rigward tas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru. 7, jiġifieri l-applikazzjoni tal-prinċipju fl-istess Stat Membru, d-dritt li huwa garantit għandu l-istess sens u l-istess kamp ta' l-applikazzjoni bħad-dritt korrispondenti fil-KEDB.

1 L-Artikolu II-110 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-112(1) tal-Kostituzzjoni.

TITOLU VII

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JIRREGOLAW L-INTERPRETAZZJONI U L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA

ARTIKOLU 51[1]

Kamp ta' l-applikazzjoni

1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett xieraq tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni. Għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u għandhom ukoll jirrispettaw il-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fil-partijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni.

2. Din il-Karta ma testendix il-kamp ta' l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni u ma toħloq l-ebda kompetenza jew l-ebda kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fil-partijiet oħra tal-Kostituzzjoni.

1 L-Artikolu II-111 tal-Kostituzzjoni.

Spjegazzjoni

L-iskop ta' l-Artikolu 51[1] huwa li jiddetermina l-istess kamp ta' l-applikazzjoni tal-Karta. Huwa ntiż sabiex jistabbilixxi b'mod ċar li l-Karta tapplika primarjament għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din id-disposizzjoni kienet abbozzata fit-termini ta' l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li obbliga l-Unjoni li tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u fit-termini tal-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew ta' Kolonja. It-terminu "istituzzjonijiet" huwa rikonoxxut fil-Parti I tal-Kostituzzjoni. L-espressjoni "korpi u aġenziji" hija użata komunement fil-Kostituzzjoni sabiex tirriferi għall-awtoritajiet kollha stabbiliti mill-Kostituzzjoni jew mil-leġislazzjoni sekondarja (ara, per eżempju, l-Artikolu 50 jew 51 tal-Kostituzzjoni).

Fir-rigward ta' l-Istati Membri, joħroġ b'mod ċar mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li r-rekwiżit tar-rispett għad-drittijiet fundamentali definit f'kuntest ta' l-Unjoni jorbot biss lill-Istati Membri meta dawn jaġixxu fil-kamp ta' l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni (is-sentenza tat-13 ta' Lulju 1989, il-Każ 5/88 Wachauf [1989] ECR 2609; is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT [1991] ECR I-2925); is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 1997 (C-309/96 Annibaldi [1997] ECR I-7493). Reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja ikkonfermat din il-linja ta' każistika b'li ġej: "Barra minn hekk, ta' min ifakkar li r-rekwiżiti li jemanaw mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-sistema legali Komunitarja jorbtu wkoll lill-Istati Membri meta dawn jimplimentaw ir-regoli tal-Komunità..." (is-sentenza tat-13 ta' April 2000, il-Każ C-292/97, [2000] ECR 2737, paragrafu 37 tal-motivazzjonijiet). Mingħajr dubju, din ir-regola, kif asserita f'din il-Karta, tapplika għall-awtoritajiet ċentrali kif ukoll għall-korpi reġjonali u lokali, u għall-organizzazzjonijiet pubbliċi, meta dawn jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni.

[1] L-Artikolu II-111 tal-Kostituzzjoni.

Il-paragrafu 2, flimkien mat-tieni sentenza tal-paragrafu 1, jikkonferma li l-Karta ma tistax ikollha l-effett li testendi l-kompetenzi u l-kompiti li l-Partijiet l-oħrajn tal-Kostituzzjoni jagħtu lill-Unjoni. Hawnhekk qiegħed isir aċċenn espliċitu għall-konsegwenzi loġiċi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-fatt li l-Unjoni għandha biss dawk il-poteri konferiti lilha. Id-drittijiet fundamentali kif garantiti fl-Unjoni ma għandhom l-ebda effett ħlief fil-kuntest tal-kompetenzi determinati mill-Partijiet I u III tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement, l-obbligu, skond it-tieni sentenza tal-paragrafu 1, ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni li jippromovu l-prinċipji stipulati fil-Karta, jista' jeżisti biss fil-limiti ta' dawn l-istess kompetenzi.

Il-paragrafu 2 jikkonferma wkoll li l-Karta ma tistax ikollha l-effett li testendi l-kamp ta' l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni kif stabbiliti fil-Partijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà stabbiliet din ir-regola fir-rigward tad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti bħala parti mid-dritt ta' l-Unjoni (is-sentenza tas-17 ta' Frar 1998, C-249/96 Grant, 1998 ECR I-621, paragrafu 45 tal-motivazzjonijiet). Huwa għalhekk ovvju, skond din ir-regola, li l-inkorporazzjoni tal-Karta fil-Kostituzzjoni ma tistax tfisser li hija qiegħda, bis-saħħa tagħha stess, testendi l-medda ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri li huma kkunsidrati bħala l-"implimentazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni" (fis-sens tal-paragrafu 1 u tal-każistika imsemmija hawn fuq).

## ARTIKOLU 52[1]

### Kamp ta' l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' drittijiet u ta' prinċipji

1. Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-finijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew iservu l-bżonn li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

1 L-Artikolu II-112 tal-Kostituzzjoni.

2. Id-drittijiet rikonoxxuti minn din il-Karta li huma previsti f'partijiet oħra tal-Kostituzzjoni għandhom jiġu eżerċitati skond il-kondizzjonijiet u fil-limiti definiti fiha.

3. Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, t-tifsira u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dawk id-drittijiet ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-disposizzjoni ma żżommx lid-dritt ta' l-Unjoni milli jipprovdi protezzjoni aktar estensiva.

4. Safejn din il-Karta tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali kif jemanaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, dawk id-drittijiet għandhom ikunu interpretati f'armonija ma' dawk it-tradizzjonijiet.

5. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta li fihom prinċipji, jistgħu jiġu implimentati b'atti leġislattivi u eżekuttivi meħuda mill-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, u b'atti ta' l-Istati Membri meta dawn qegħdin jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat rispettivi tagħhom. Ma jistgħux jiġu invokati fil-qorti ħlief għall-iskop ta' l-interpretazzjoni u d-determinazzjoni tal-legalità ta' dawn l-atti.

6. Għandha tittieħed kunsiderazzjoni sħiħa tal-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali kif speċifikat f'din il-Karta.

7. L-ispjegazzjonijiet imfassla bħala gwida għall-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qrati ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri.

Spjegazzjoni

L-Artikolu 52[1] huwa ntiż sabiex jiffissa l-kamp ta' l-applikazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji tal-Karta, u sabiex jistabbilixxi regoli għall-interpretazzjoni tagħhom. Il-paragrafu 1 jitratta dwar l-arranġamenti għal-limitazzjonijiet ta' drittijiet. Il-formola użata hija bbażata fuq il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja: "...ġie sew stabbilit fil-każistika tal-Qorti li jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, partikolarment fil-kuntest ta' organizzazzjoni komuni tas-suq, bil-kondizzjoni li dawk ir-restrizzjonijiet jikkorrispondu fil-fatt għall-finijiet ta' interess ġenerali segwiti mill-Komunità u ma jikkostitwixxux, fir-rigward ta' l-iskop segwit, indħil sproporzjonat u mhux raġonevoli li jipperikola n-natura proprja ta' dawk id-drittijiet" (is-sentenza tat-13 ta' April 2000, il-Każ C-292/97, paragrafu 45 tal-motivazzjonijiet). Ir-referenza għall-interessi ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni tkopri kemm l-iskopijiet imsemmija fl-Artikolu I-2 tal-Kostituzzjoni kif ukoll interessi oħra protetti minn disposizzjonijiet speċifiċi tal-Kostituzzjoni bħall-Artikoli I-5(1), III-133(3), III-154, III-436.

Il-paragrafu 2 jirreferi għal drittijiet li kienu diġà garantiti espressament fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u li ġew rikonoxxuti fil-Karta, u li issa jinstabu f'Partijiet oħra tal-Kostituzzjoni (notevolment id-drittijiet derivati miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni). Huwa jagħmilha ċara li dawn id-drittijiet jibqgħu suġġetti għall-kondizzjonijiet u għal-limiti applikabbli għad-dritt ta' l-Unjoni li fuqu huma bbażati, u li huma previsti fil-Partijiet I u III tal-Kostituzzjoni. Il-Karta ma tbiddilx is-sistema ta' drittijiet mogħtija mit-Trattat tal-KE u issa riprodotta fil-Partijiet I u III tal-Kostituzzjoni.

[1] L-Artikolu II-112 tal-Kostituzzjoni.

Il-paragrafu 3 huwa ntiż sabiex jiżgura l-koerenza neċessarja bejn il-Karta u l-KEDB billi jistabbilixxi r-regola li, safejn id-drittijiet stipulati fil-Karta preżenti jikkorrispondu wkoll għad-drittijiet garantiti mill-KEDB, it-tifsira u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dawk id-drittijiet, inklużi l-limitazzjonijiet awtorizzati, huma l-istess bħal dawk stabbiliti mill-KEDB. Dan ifisser partikolarment li l-leġislatur, meta qiegħed jistabbilixxi l-limitazzjonijiet għal dawk id-drittijiet, għandu jagħmel hekk b'konformità ma' l-istess standards iffissati bl-arranġamenti dettaljati tal-limitazzjonijiet stabbiliti fil-KEDB, li huma b'hekk magħmula applikabbli għad-drittijiet koperti b'dan il-paragrafu, mingħajr ma dan jaffetwa ħażin l-awtonomija tad-dritt ta' l-Unjoni u dik tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

Ir-referenza għall-KEDB tkopri kemm il-Konvenzjoni kif ukoll il-Protokolli tagħha. It-tifsira u l-kamp ta' l-applikazzjoni tad-drittijiet garantiti huma determinati mhux biss mit-test ta' dawk l-istrumenti, iżda wkoll mill-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. L-aħħar sentenza tal-paragrafu ġiet imfassla sabiex tippermetti lill-Unjoni li tiggarantixxi protezzjoni aktar estensiva. Fi kwalunkwe każ, il-livell ta' protezzjoni provdut mill-Karta qatt ma jista' jkun inqas minn dak li huwa garantit mill-KEDB.

Il-Karta ma tolqotx il-possibbiltajiet ta' l-Istati Membri li jirrikorru għall-Artikolu 15 tal-KEDB, li jippermetti derogi mid-drittijiet stipulati fil-KEDB f'każ ta' gwerra jew ta' perikli pubbliċi oħra li jheddu l-ħajja tan-nazzjon, meta jaġixxu fl-oqsma tad-difiża nazzjonali f'każ ta' gwerra u taż-żamma ta' l-ordni, skond ir-responsabbiltajiet tagħhom rikonoxxuti fl-Artikoli I-5(1), III-131, III-262 tal-Kostituzzjoni.

Il-lista tad-drittijiet li, f'dan l-istadju u mingħajr ma jiġi prekluż ebda żvilupp fil-liġi, fil-leġislazzjoni u fit-Trattati, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala korrispondenti għad-drittijiet fil-KEDB fis-sens tal-paragrafu preżenti hija mogħtija hawn taħt. Ma tinkludix drittijiet addizzjonali għal dawk li hemm fil-KEDB.

1. L-Artikoli tal-Karta fejn kemm is-sens kif ukoll l-kamp ta' l-applikazzjoni huma l-istess bħal dawk fl-Artikoli korrispondenti tal-KEDB:

- l-Artikolu 2[1] jikkorrispondi għall-Artikolu 2 tal-KEDB;

- l-Artikolu 4[2] jikkorrispondi għall-Artikolu 3 tal-KEDB;

- l-Artikolu 5(1) u (2)[3] jikkorrispondi għall-Artikolu 4 tal-KEDB;

- l-Artikolu 6[4] jikkorrispondi għall-Artikolu 5 tal-KEDB;

- l-Artikolu 7[5] jikkorrispondi għall-Artikolu 8 tal-KEDB;

- l-Artikolu 10(1)[6] jikkorrispondi għall-Artikolu 9 tal-KEDB;

- l-Artikolu 11[7] jikkorrispondi għall-Artikolu 10 tal-KEDB mingħajr preġudizzju għal xi restrizzjonijiet li d-dritt ta' l-Unjoni jista' jimponi fuq id-dritt ta' l-Istati Membri li jintroduċu l-arranġamenti għal-liċenzji msemmija fit-tielet sentenza ta' l-Artikolu 10(1) tal-KEDB;

- l-Artikolu 17[8] jikkorrispondi għall-Artikolu 1 tal-Protokoll tal-KEDB;

---

1 L-Artikolu II-62 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-64 tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-65 tal-Kostituzzjoni.
4 L-Artikolu II-66 tal-Kostituzzjoni.
5 L-Artikolu II-67 tal-Kostituzzjoni.
6 L-Artikolu II-70 tal-Kostituzzjoni.
7 L-Artikolu II-71 tal-Kostituzzjoni.
8 L-Artikolu II-77 tal-Kostituzzjoni.

- l-Artikolu 19(1)[1] jikkorrispondi għall-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru. 4;

- l-Artikolu 19(2)[1] jikkorrispondi għall-Artikolu 3 tal-KEDB kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

- l-Artikolu 48[2] jikkorrispondi għall-Artikolu 6(2) u (3) tal-KEDB;

- l-Artikolu 49(1)[3] (bl-eċċezzjoni ta' l-aħħar sentenza) u (2) jikkorrispondi għall-Artikolu 7 tal-KEDB.

2. L-Artikoli fejn is-sens huwa l-istess bħal dak fl-Artikoli korrispondenti tal-KEDB, iżda fejn il-kamp ta' l-applikazzjoni huwa usa':

- l-Artikolu 9[4] jkopri l-istess qasam bħall-Artikolu 12 tal-KEDB, iżda l-kamp ta' l-applikazzjoni tiegħu jista' jiġi estiż għal forom oħra ta' żwieġ jekk dawn huma stabbiliti permezz ta' liġi nazzjonali;

- l-Artikolu 12(1)[5] jikkorrispondi għall-Artikolu 11 tal-KEDB, iżda l-kamp ta' l-applikazzjoni tiegħu huwa estiż għal-livell ta' l-Unjoni Ewropea;

---

1 L-Artikolu II-79 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-108 tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-109 tal-Kostituzzjoni.
4 L-Artikolu II-69 tal-Kostituzzjoni.
5 L-Artikolu II-72 tal-Kostituzzjoni.

- l-Artikolu 14(1)[1] jikkorrispondi għall-Artikolu 2 tal-Protokoll tal-KEDB, iżda l-kamp ta' l-applikazzjoni tiegħu huwa estiż sabiex ikopri aċċess għall-formazzjoni professjonali u kontinwa;

- l-Artikolu 14(3)[1] jikkorrispondi għall-Artikolu 2 tal-Protokoll tal-KEDB fir-rigward tad-drittijiet tal-ġenituri;

- l-Artikolu 47(2) u (3)[2] jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB, iżda l-limitazzjoni għad-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi ċivili jew għad-deċiżjoni dwar akkużi kriminali ma tapplikax għar-rigward tad-dritt ta' l-Unjoni u ta' l-implimentazzjoni tiegħu;

- l-Artikolu 50[3] jikkorrispondi għall-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru. 7 tal-KEDB, iżda l-kamp ta' l-applikazzjoni tiegħu huwa estiż għal-livell ta' l-Unjoni Ewropea bejn il-Qrati ta' l-Istati Membri.

- Fl-aħħarnett, iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala barranin fil-kamp tal-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni, minħabba fil-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità. Il-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 16 tal-KEDB fir-rigward tad-drittijiet tal-barranin għalhekk ma japplikawx għalihom f'dan il-kuntest.

---

1 L-Artikolu II-74 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikolu II-107 tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikolu II-110 tal-Kostituzzjoni.

Ir-regola interpretattiva li tinstab fil-paragrafu 4 hija bbażata fuq it-test ta' l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ara issa t-test ta' l-Artikolu I-9(3) tal-Kostituzzjoni) u tieħu l-kont dovut ta' l-approċċ lejn it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni li segwiet il-Qorti tal-Ġustizzja (p.e., is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 1979, il-Każ 44/79 Hauer [1979] ECR 3727; is-sentenza tat-18 ta' Mejju 1982, il-Każ 155/79, AM&S, [1982] ECR 1575). Skond dik ir-regola, minflok ma jittieħed atteġġjament riġidu ta' 'l-iżgħar denominatur komuni', wieħed għandu jinterpreta d-drittijiet konċernati fil-Karta b'mod li joffri livell għoli ta' protezzjoni, li huwa adegwat għad-dritt ta' l-Unjoni u f'armonija mat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni.

Il-paragrafu 5 jiċċara d-distinzjoni bejn id-"drittijiet" u l-"prinċipji" stabbiliti fil-Karta. Skond dik id-distinzjoni, d-drittijiet soġġettivi għandhom jiġu rispettati, waqt li l-prinċipji għandhom jiġu osservati (Artikolu 51(1)[1]). Il-prinċipji jistgħu jiġu implimentati permezz ta' atti leġislattivi jew eżekuttivi (adottati mill-Unjoni skond il-kompetenzi tagħha, u mill-Istati Membri biss meta huma jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni); għaldaqstant, huma jkollhom sinifikat partikolari għall-Qrati biss meta dawn l-atti jiġu interpretati jew riveduti. Madankollu huma ma jagħtux lok għal xi pretensjonijiet diretti għal azzjoni pożittiva mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jew mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri. Dan huwa konsistenti kemm mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara notevolment il-każistika dwar il-"prinċipju ta' prekawzjoni" fl-Artikolu 174(2) TEC (sostitwit bi Artikolu III-233 tal-Kostituzzjoni): is-sentenza tal-Qorti ta' 'Prim' Istanza tal-11 ta' Settembru 2002, T-13/99, Pfizer vs. Kunsill, b'ħafna referenzi għall-każistika preċedenti; u sensiela ta' sentenzi dwar l-Artikolu 33 (ex-39) dwar il-prinċipji tal-liġi dwar l-agrikoltura, p.e. is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja C-265/85, Van den Berg, 1987 ECR 1155: l-eżami tal-prinċipju ta' l-istabbilizzazzjoni tas-suq u ta' aspettativi leġittimi) kif ukoll ma' l-atteġġjament tas-sistemi kostituzzjonali ta' l-Istati Membri lejn "prinċipji" li b'mod partikolari jinstabu fil-qasam tal-liġi soċjali. Bħala eżempju, wieħed jista' jsemmi, fost l-eżempji ta' prinċipji rikonoxxuti mill-Karta, l-Artikoli 25, 26 u 37[2]. F'certi każijiet, Artikolu tal-Karta jista' jinkludi kemm l-element tad-dritt kif ukoll ta' prinċipju, p.e. l-Artikoli 23, 33 u 34[3].

---

1 L-Artikolu II-111 tal-Kostituzzjoni.
2 L-Artikoli II-85, II-86 u II-97 tal-Kostituzzjoni.
3 L-Artikoli II-83, II-93 u II-94 tal-Kostituzzjoni.

Il-paragrafu 6 jirriferi għall-Artikoli diversi fil-Karta li, fl-ispirtu tas-sussidjarjetà, jagħmlu referenza għal-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

## ARTIKOLU 53[1]

## Livell ta' protezzjoni

Xejn f'din il-Karta m'għandu jiġi interpretat bħala li jirrestrinġi jew li jolqot ħażin id-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kif rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, mid-dritt ta' l-Unjoni u mid-dritt internazzjonali u minn konvenzjonijiet internazzjonali li fihom jipparteċipaw l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri.

Spjegazzjoni

Din id-disposizzjoni hija ntiża li tippreserva dak il-livell ta' protezzjoni li huwa preżentement mogħti, fil-kamp ta' l-applikazzjoni rispettiva tagħhom, mid-dritt ta' l-Unjoni, mil-liġi nazzjonali u mid-dritt internazzjonali. Qiegħed isir aċċenn għall-KEDB, minħabba l-importanza tagħha.

---

1 L-Artikoli II-113 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 54[1]

Projbizzjoni ta' abbuż tad-dritt

L-ebda disposizzjoni ta' din il-Karta m'għandha tiġi interpretata b'mod li timplika dritt li ssir attività jew isir xi att li hu intiż biex jeqred xi wieħed jew waħda mid-drittijiet u mil-libertajiet rikonoxxuti f'din il-Karta jew biex jillimitahom b'mod aktar estiż minn kif previst f'din il-Karta.

Spjegazzjoni

Dan l-Artikolu jikkorrispondi għall-Artikolu 17 tal-KEDB:

"Ebda ħaġa li hemm f'din il-Konvenzjoni ma għandha tiġi interpretata li xi Stat, grupp jew persuna għandha xi dritt li tidħol f'xi attività jew tagħmel xi att maħsub biex jeqred xi wieħed mid-drittijiet u mil-libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni jew biex tillimitahom aktar minn dak provdut fil-Konvenzjoni."

1 L-Artikoli II-114 tal-Kostituzzjoni.

## 13. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-116

Il-Konferenza taqbel li, fl-isforzi ġenerali tagħha sabiex telimina l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel, l-Unjoni timmira, fil-politiki differenti tagħha, sabiex tiġġieled kontra kull xorta ta' vjolenza domestika. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jimpedixxu u jikkastigaw dawn l-atti kriminali u sabiex jappoġġaw u jipproteġu lill-vittmi.

## 14. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-136 u l-Artikolu III-267

Il-Konferenza tikkunsidra li, fil-każ li abbozz ta' liġi jew ta' liġi kwadru Ewropea ibbażata fuq l-Artikolu III-267 paragrafu 2 jolqot l-aspetti fundamentali tas-sistema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru, b'mod partikolari l-kamp ta' l-applikazzjoni, l-ispiża jew l-istruttura finanzjarja tagħha, jew jolqot il-bilanċ finanzjarju kif previst fl-Artikolu III-136 paragrafu 2, l-interessi ta' l-Istati Membri għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni kif dovut.

## 15. Dikjarazzjoni dwar l-Artikoli III-160 u III-322

Il-Konferenza tfakkar li r-rispett għad-drittijiet u għal-libertajiet fundamentali jimplika, b'mod partikolari, li tingħata attenzjoni xierqa lill-protezzjoni u l-osservanza tad-dritt ta' individwi u entitajiet konċernati li jgawdu l-garanziji previsti mil-liġi. Għal dan il-għan u sabiex ikun garantit kontroll ġudizzjarju strett tad-deċiżjonijiet Ewropej li jimponu xi miżuri restrittivi fuq individwu jew entità, tali deċiżjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq kriterji ċari u definiti. Dawn il-kriterji għandhom ikunu adattati skond l-ispeċifiċità ta' kull miżura restrittiva.

## 16. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-167(2)(ċ)

Il-Konferenza tinnota li l-Artikolu III-167(2)(ċ) għandu jkun interpretat skond il-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Qorti ta' Prim' Istanza dwar l-applikabbiltà tad-disposizzjonijiet għal għajnuna mogħtija lil ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja milquta mid-diviżjoni preċedenti tal-Ġermanja.

## 17. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-184

Fir-rigward ta' l--Artikolu III-76, il-Konferenza tikkonferma li ż-żieda fil-potenzjal ta' tkabbir ekonomiku u l-kisba ta' posizzjonijiet sodi ta' *budget* huma ż-żewġ kolonni tal-politika ekonomika u ta' *budget* ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri. Il-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir huwa strument importanti għall-kisba ta' dawn il-finijiet.

Il-Konferenza tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn id-disposizzjonijiet dwar l-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir bħala l-qafas għall-kordinazzjoni tal-politiki finanzjarji fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Konferenza tikkonferma li sistema bbażata fuq ir-regoli hija l-aqwa garanzija tar-rispett ta' l-impenji u sabiex l-Istati Membri kollha jiġu trattati b'mod ugwali.

F'dan il-qafas, il-Konferenza tafferma wkoll mill-ġdid l-impenn tagħha għall-finijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona: il-ħolqien ta' l-impjiegi, r-riformi strutturali, u l-koeżjoni soċjali.

L-Unjoni timmira għall-kisba ta' tkabbir ekonomiku bilanċjat u ta' l-istabbilità tal-prezzijiet. Għaldaqstant, il-politiki ekonomiċi u tal-*budget* għandhom jistabbilixxu l-prioritajiet ġusti rigward riformi ekonomiċi, ta' innovazzjoni, ta' kompetittività u ta' tisħiħ ta' l-investiment privat u l-konsum fi żminijiet ta' fit-tkabbir ekonomiku dgħajjef. Dan għandu jiġi rifless fl-orjentazzjonijiet tad-deċiżjonijiet dwar il-*budget* kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq il-livell ta' l-Unjoni, b'mod partikolari permezz tar-ristrutturazzjoni tad-dħul u ta' l-infiq pubbliku, b'rispett għad-dixxiplina fil-*budget* skond il-Kostituzzjoni u l-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir.

L-isfidi finanzjarji u ekonomiċi li jiffaċċjaw l-Istati Membri jaċċentwaw l-importanza ta' politika tal-*budget* soda matul il-ċiklu ekonomiku.

Il-Konferenza taqbel li l-Istati Membri għandhom jużaw perijodi ta' rkupru ekonomiku b'mod attiv biex jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi tagħhom jtejbu l-posizzjonijiet tagħhom tal-*budget*. L-għan hu li jinkiseb b'mod progressiv bilanċ favorevoli fi żminijiet tajba, li joħloq l-ispazju meħtieġ biex jiġi akkomodat kull tnaqqis fl-attività ekonomika u b'hekk jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.

L-Istati Membri jistennew bil-ħerqa proposti possibbli tal-Kummissjoni kif ukoll kontribuzzjonijiet ġodda mill-Istati Membri għat-tisħiħ u l-iċċarar ta' l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex itejbu l-potenzjal għat-tkabbir ta' l-ekonomiji tagħhom. Kordinazzjoni aħjar tal-politika ekonomika tista' tiffavorixxi dan il-għan. Din id-Dikjarazzjoni ma tippreġudikax d-dibattitu futur dwar il-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir.

## 18. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-213

Il-Konferenza tikkonferma li l-politiki mfissra fl-Artikolu III-213 essenzjalment jaqgħu fil-kompetenza ta' l-Istati Membri. Il-miżuri ta' inkoraġġiment u ta' kordinazzjoni li jittieħdu fuq il-livell ta' l-Unjoni skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkunu ta' natura kumplimentarja. Iservu biex isaħħu l-koperazzjoni bejn Stati Membri u mhux biex jarmonizzaw sistemi nazzjonali. Il-garanziji u l-prattiċi eżistenti f'kull Stat Membru fir-rigward tar-responsabbiltà tas-sħab soċjali ma jiġux milquta.

Din id-Dikjarazzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jagħtu kompetenza lill-Unjoni, inkluż fil-qasam soċjali.

## 19. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-220

Il-Konferenza tikkunsidra li l-frażi "reġjuni ta' gżejjer" prevista fl-Artikolu III-220 tista' tinkludi gżejjer stati fit-totalità tagħhom, bil-kondizzjoni li l-kriterji meħtieġa huma sodisfatti.

## 20. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-243

Il-Konferenza tinnota li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-243 għandhom jiġu japplikati skond il-prattika attwali. Il-frażi "il-miżuri (…) meħtieġa sabiex jikkumpensaw għall-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati mid-diviżjoni tal-Ġermanja lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali milquta minn dik id-diviżjoni" għandha tiġi interpretata skond il-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Qorti ta' 'Prim' Istanza.

## 21. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-248

Il-Konferenza taqbel li l-azzjoni ta' l-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u ta' l-iżvilupp tekniku tirrispetta bil-mod dovut l-orjentazzjoni u l-għażliet fundamentali tal-politika ta' riċerka ta' l-Istati Membri.

## 22. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-256

Il-Konferenza temmen li l-Artikolu III-256 ma jolqotx id-dritt ta' l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-provvisti ta' l-enerġija tagħhom skond il-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu III-131.

## 23. Dikjarazzjoni dwar it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-273(1)

Il-Konferenza tikkunsidra li l-liġijiet Ewropej msemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-273(1) għandhom jieħdu kont tar-regoli u l-prattiċi nazzjonali dwar il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali.

## 24. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-296

Il-Konferenza tiddikjara li, hekk kif jiġi ffirmat it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, Rappreżentant Għoli għall-politika estera u ta' sigurtà komuni, l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jibdew ix-xogħol preparatorju dwar is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

## 25. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-325 dwar in-negozjar u l-konkluzjoni ta' ftehim internazzjonali mill-Istati Membri dwar iż-żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja

Il-Konferenza tikkonferma li l-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw u jikkonkludu ftehim ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-oqsma koperti mis-Sezzjonijiet 3, 4 u 5 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III tal-Parti III safejn dawn l-akkordji jkunu konformi mad-dritt ta' l-Unjoni.

## 26. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-402(4)

L-Artikolu III-402(4) tal-Kostituzzjoni jipprevedi li meta l-liġi Ewropea tal-Kunsill li tistabbilixxi kwadru finanzjarju ġdid ma tkunx ġiet adottata sa l-aħħar tal-kwadru finanzjarju preċedenti, l-limiti massimi u d-disposizzjonijiet oħrajn li jikkorrispondu għall-aħħar sena ta' dak il-kwadru għandhom jiġu estiżi sakemm dik il-liġi tiġi adottata.

Il-Konferenza tiddikjara li, jekk il-liġi Ewropea tal-Kunsill li tistabbilixxi kwadru finanzjarju ġdid ma tkunx ġiet adottata qabel l-aħħar ta' l-2006 u fejn l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 jipprovdi għal perijodu li jispiċċa fl-2006 għall-introduzzjoni progressiva għall-allokazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet lill-Istati Membri ġodda, l-allokazzjoni ta' fondi mill-2007 'il quddiem tkun stabbilita fuq bażi ta' l-applikazzjoni għall-Istati Membri kollha ta' l-istess kriterji.

## 27. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu III-419

Il-Konferenza tiddikkjara li l-Istati Membri jistgħu jindikaw, meta huma jagħmlu talba biex tiġi stabbilita koperazzjoni msaħħa, jekk huma diġà għandhomx l-intenzjoni f'dak l-istadju li jagħmlu użu mill-Artikolu III-422, li jipprovdi għall-estensjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, jew li jirrikorru għall-proċedura leġislattiva ordinarja.

## 28. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu IV-440 (7)

Il-Partijiet Kontraenti Għolja jaqblu li l-Kunsill Ewropew, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu IV-440(7) tal-Kostituzzjoni, se jieħu deċiżjoni Ewropea li twassal għal modifika ta' l-istatus ta' Mayotte fir-rigward ta' l-Unjoni, sabiex dan it-territorju jiġi kkunsidrat bħala reġjun mill-iktar 'il barra fis-sens ta' Artikolu IV-440(2) u III-424 tal-Kostituzzjoni, meta l-awtoritajiet Franċiżi jinnotifikaw lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni li l-evoluzzjoni li għaddejja bħal issa fl-istatus intern tal-gżira tippermetti hekk.

## 29. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu IV-448(2)

Il-Konferenza tikkunsidra li l-possibilità li t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jiġi tradott fil-lingwi previsti fl-Artikolu IV-448(2) tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan previst fir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu I-3(3) li jipprovdi li l-Unjoni tirrispetta r-rikkezza tagħha tad-diversità kulturali u lingwistika. F'dan il-kuntest, il-Konferenza tikkonferma r-rabta ta' l-Unjoni mad-diversità kulturali ta' l-Ewropa u l-attenzjoni speċjali li ser tkompli tagħti lil dawn u lil lingwi oħrajn.

Il-Konferenza tirrakkomanda li dawk l-Istati Membri li jixtiequ jużaw il-possibbiltà prevista fl-Artikolu IV-448(2) għandhom jikkomunikaw lill-Kunsill, fi żmien sitt xhur mid-data tal-firma tat-Trattat, il-lingwa jew lingwi li fihom it-Trattat ser ikun tradott.

## 30 Dikjarazzjoni dwar ir-ratifika tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

Il-Konferenza tinnota li jekk, sentejn wara l-iffirmar tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, erbgħa minn kull ħames Stati Membri jkunu rratifikawh u xi Stat Membru jew iktar ikunu ltaqgħu ma' diffikultajiet biex jipproċedu għal din ir-ratifika, l-kwistjoni tiġi riferita lill-Kunsill Ewropew.

# B. DIKJARAZZJONIJIET DWAR IL-PROTOKOLLI ANNESSI MAL-KOSTITUZZJONI

## Dikjarazzjonijiet rigward il-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja

### 31. Dikjarazzjoni dwar il-gżejjer Åland

Il-Konferenza tirrikonoxxi li r-reġim applikabbli għall-gżejjer Åland, previst fl-Artikolu IV-440(5) tal-Kostituzzjoni, huwa stabbilit b'kont meħud ta' l-istatus speċjali li dawn il-gżejjer igawdu taħt id-dritt internazzjonali.

Għal dak l-iskop, il-Konferenza tisħaq li disposizzjonijiet speċifiċi ġew inklużi fis-Sezzjoni 5 tat-Titolu 5 tal-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja.

32. Dikjarazzjoni dwar il-poplu Sami

Wara li kkunsidrat l-Artikoli 60 u 61 tal-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja, l-Konferenza tirrikonoxxi l-obbligi u l-impenji ta' l-Isvezja u l-Finlandja fir-rigward tal-poplu Sami taħt id-dritt nazzjonali u d-dritt internazzjonali.

Il-Konferenza tinnota li l-Isvezja u l-Finlandja huma impenjati li jippreżervaw u jiżviluppaw il-mezzi ta' l-għixien, il-lingwa, l-kultura u l-istil tal-ħajja tal-poplu Sami u tikkunsidra li l-kultura u l-mezzi ta' l-għixien tradizzjonali tas-Sami jiddependu fuq attivitajiet ekonomiċi primarji, bħat-trobbija tar-renni fiż-żoni tradizzjonali tal-komunitajiet imwaqqfa mis-Sami.

Għal dak l-iskop, il-Konferenza tisħaq li disposizzjonijiet speċifiċi ġew inklużi fis-Sezzjoni 6 tat-Titolu 5 tal-Protokoll dwar il-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja.

Dikjarazzjonijiet rigward il-Protokoll
dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka,
tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika
tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija,
tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja
u tar-Repubblika Slovakka

33. Dikjarazzjoni dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana
tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u
l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru

IL-KONFERENZA,

Waqt li tfakkar li d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju tal-Gran Brittajna u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru, annessa ma' l-Att Finali tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Renju Unit mal-Komunitajiet Ewropej, ipprovdiet li l-arranġamenti applikabbli għar-relazzjonijiet bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u ż-Żoni ta' Bażi Sovrana se jiġu definiti fil-kuntest ta' kwalunkwe ftehim bejn il-Komunità u r-Repubblika ta' Ċipru;

Wara li ħadet in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana stabbiliti fit-Trattat li jistabbilixxi r-Repubblika ta' Ċipru (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Trattat ta' Stabbiliment") u l-Iskambji ta' Noti assoċjati datati 16 ta' Awissu 1960;

Wara li nnotat l-Iskambju ta' Noti bejn il-Gvern tar-Renju Unit u l-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru dwar l-amministrazzjoni taż-Żoni ta' Bażi Sovrana, bid-data tas-16 ta' Awissu 1960, u d-Dikjarazzjoni mill-Gvern tar-Renju Unit mehmuża li tipprovdi li wieħed mill-finijiet prinċipali hu l-protezzjoni ta' l-interessi ta' dawk li jirrisjedu jew jaħdmu fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana, u wara li kkunsidrat f'dan il-kuntest li l-persuni msemmija għandhom jingħataw, sa fejn jista' jkun, l-istess trattament bħal dawk li jirrisjedu jew jaħdmu fir-Repubblika ta' Ċipru;

Wara li nnotat ukoll id-disposizzjonijiet tat-Trattat ta' Stabbiliment dwar l-arranġamenti doganali bejn iż-Żoni ta' Bażi Sovrana u r-Repubblika ta' Ċipru u b'mod partikolari dawk previsti fl-Anness F ma' l-imsemmi Trattat;

Wara li nnotat ukoll l-impenn tar-Renju Unit biex ma joħloqx postazzjonijiet doganali jew xi barrieri oħra fuq il-fruntieri bejn iż-Żoni ta' Bażi Sovrana u r-Repubblika ta' Ċipru, u l-arranġamenti magħmula skond it-Trattat ta' Stabbiliment li permezz tagħhom l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru jamministraw firxa wiesgħa ta' servizzi pubbliċi fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-agrikoltura, d-dwana u t-tassazzjoni;

Waqt li tikkonferma li l-adeżjoni tar-Repubblika ta' Ċipru ma' l-Unjoni Ewropea ma għandiex tolqot id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fit-Trattat ta' Stabbiliment;

Waqt li tirrikonoxxi għalhekk il-ħtieġa li jiġu applikati ċerti disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u atti ta' l-Unjoni għaż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit u li jsiru arranġamenti speċjali dwar l-implimentazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet f'dawn iż-Żoni;

Temfasiżża li disposizzjonijiet speċifiċi għal dak il-għan ġew inklużi fit-Titolu III tat-Tieni Parti tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka.

## 34. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar iż-Zoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru

Il-Kummissjoni tikkonferma li hi tifhem li d-disposizzjonijiet tad-dritt ta' l-Unjoni applikabbli għaż-Żoni ta' Bażi Sovrana skond it-Tiotlu III tat-Tieni Parti tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka jinkludu:

a) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' kummerċ applikabbli għal ċerti merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli;

b) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali, safejn meħtieġ mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanzija Agrikola (EAGGF) għall-finanzjament ta' miżuri għall-iżvilupp rurali fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana taħt is-Sezzjoni "Garanzija" ta' l-EAGGF.

## 35. Dikjarazzjoni dwar l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja

IL-KONFERENZA,

Waqt li tiddikjara li l-Unjoni lesta li tkompli tipprovdi għajnuna addizzjonali xierqa għall-isforz tal-Litwanja għad-diżattivazzjoni ukoll wara l-adeżjoni tal-Litwanja ma' l-Unjoni Ewropea għall-perjodu sal-2006 u wara, u waqt li tinnota li l-Litwanja, fid-dawl ta' din l-espressjoni ta' solidarjetà ta' l-Unjoni, impenjat ruħha li tagħlaq l-Unità 1 ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina qabel l-2005 u l-Unità 2 sa l-2009;

Waqt li tirrikonoxxi li d-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina, li jinkludi żewġ unitajiet ta' reattur tat-tip 1500 MW RBMK, miruti minn dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika, hija pass bla preċedent u jirrappreżenta għal-Litwanja piż finanzjarju eċċezzjonali mhux proporzjonat għall-qies u s-saħħa ekonomika tal-pajjiż, u li din id-diżattivazzjoni se tkompli wara l-Perspettiva Finanzjarja attwali kif definita mill-ftehim interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999;

Wara li nnotat il-ħtieġa li jiġu adottati disposizzjonijiet ta' implimentazzjoni għall-għajnuna Komunitarja addizzjonali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' l-għeluq u d-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina;

Wara li nnotat li l-Litwanja ser tagħti każ kif xieraq tal-ħtiġiet tar-reġjuni li l-iżjed ser jintlaqtu mill-għeluq ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina, fl-użu tagħha ta' l-għajnuna ta' l-Unjoni;

Waqt li tiddikjara li ċerti miżuri li ser jiġu sostnuti b'għajnuna pubblika għandhom jiġu kkunsidrati bħala kompatibbli mar-regoli tas-suq intern, bħal ma hija d-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina, t-titjib ta' l-ambjent skond l-*acquis* u l-modernizzazzjoni tal-kapaċità fil-produzzjoni konvenzjonali ta' l-elettriku meħtieġa biex tieħu post iż-żewġ reatturi ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina wara li jingħalqu;

Temfasiżża li disposizzjonijiet speċjali għal dak il-għan ġew inklużi fit-Titolu IV tat-Tieni Parti tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka.

## 36. Dikjarazzjoni dwar it-transitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa

IL-KONFERENZA

Waqt li tqis is-sitwazzjoni partikolari tar-reġjun ta' Kaliningrad tal-Federazzjoni Russa fil-kuntest tat-tkabbir ta' l-Unjoni;

Waqt li tirrikonoxxi l-obbligi u l-impenji li l-*acquis* jimponi fuq il-Litwanja fir-rigward ta' l-iistabbiliment ta' żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja;

Wara li nnotat, b'mod partikolari, li l-Litwanja għandha tapplika u timplimenta b'mod sħiħ l-*acquis* ta' l-Unjoni fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u ta' dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa kif ukoll l-*acquis* ta' l-Unjoni dwar il-format uniformi għal viża;

Waqt li tirrikonoxxi li t-transitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa fuq territorju ta' l-Unjoni hija materja li tikkonċerna l-Unjoni kollha u għandha tiġi trattata bħala tali u ma għandhiex iġġib magħha konsegwenzi sfavorevoli għal-Litwanja;

Waqt li tqis li l-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjoni biex jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni wara li jkun ivverifika li l-kondizzjonijiet meħtieġa għal dan il-għan ikunu twettqu;

Determinata li tgħin lil-Litwanja biex twettaq kemm jista' jkun malajr il-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni sħiħa fiż-Żona ta' Schengen mingħajr fruntieri interni;

Temfasiżża li disposizzjonijiet speċifiċi għal dak il-għan ġew inklużi fit-Titolu V tat-Tieni Parti tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka.

## 37. Dikjarazzjoni dwar l-Unità 1 u l-Unità 2 ta' l-impjant ta' enerġija nukleari Bohunice V1 fis-Slovakkja

IL-KONFERENZA,

Wara li nnotat l-impenn tas-Slovakkja biex tagħlaq l-Unità 1 u Unità 2 ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari Bohunice V1 fit-tmiem ta' l-2006 u l-2008 rispettivament u waqt li tiddikjara r-rieda ta' l-Unjoni li tkompli tagħti għajnuna finanzjarja sa l-2006 bi tkomplija ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, ippjanata taħt il-programm Phare b'sostenn ta' l-isforz tas-Slovakkja għad-diżattivazzjoni;

Wara li nnotat il-ħtieġa li jiġu adottati disposizzjonijiet ta' implimentazzjoni rigward it-tkomplija ta' l-għoti ta' għajnuna mill-Unjoni;

Temfasizza li disposizzjonijiet speċifiċi għal dak il-għan ġew inklużi fit-Titolu IX tat-Tieni Parti tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka.

38. Dikjarazzjoni dwar Ċipru

IL-KONFERENZA,

Waqt li terġa tafferma l-impenn tagħha għal ftehim komprensiv tal-problema ta' Ċipru, konsistenti mar-Rrisoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-appoġġ qawwi tagħha għall-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għal dak il-għan;

Wara li kkunsidrat li tali ftehim komprensiv għall-problema ta' Ċipru għadu ma nstabx;

Wara li kkunsidrat li, għaldaqstant, huwa meħtieġ provvediment għas-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-*acquis* f'dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv;

Wara li kkunsidrat li, f'każ ta' soluzzjoni għall-problema ta' Ċipru, din is-sospensjoni ser titneħħa;

Wara li kkunsidrat li l-Unjoni hija lesta li tieħu in konsiderazzjoni t-termini ta' tali ftehim komprensiv skond il-prinċipji li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni;

Wara li kkunsidrat li huwa neċessarju provvediment għall-patti li taħthom id-disposizzjonijiet rilevanti tad-dritt ta' l-Unjoni ser japplikaw fir-rigward tal-linja bejn iż-żoni msemmija hawn fuq u ż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv kif ukoll iż-Żona ta' Bażi Sovrana tal-Lvant tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq;

Waqt li tixtieq li l-adeżjoni ta' Ċipru ma' l-Unjoni Ewropea għandha tibbenefika liċ-ċittadini Ċiprijotti kollha u tippromovi paċi u rikonċiljazzjoni ċivili;

Wara li kkunsidrat, għaldaqstant, li xejn fit-Titolu X tat-Tieni Parti tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma għandu jipprekludi l-adozzjoni ta' miżuri li għandhom dan il-għan;

Wara li kkunsidrat li tali miżuri ma għandhomx jolqtu l-applikazzjoni ta' l-*acquis*, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-Protokoll fi kwalunkwe parti oħra tar-Repubblika ta' Ċipru,

Temfasizza li disposizzjonijiet speċifiċi għal dak il-għan ġew inklużi fit-Titolu X tat-Tieni Parti tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka.

## 39. Dikjarazzjoni rigward il-Protokoll dwar id-Danimarka

Il-Konferenza tinnota li fir-rigward ta' atti legislattivi li jridu jiġu adottati mill-Kunsill waħdu jew b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew, u li fihom disposizzjonijiet applikabbli għad-Danimarka kif ukoll disposizzjonijiet li mhumiex applikabbli għad-Danimarka għaliex għandhom bażi legali li għaliha tapplika l-Parti I tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka, d-Danimarka tiddikjara li mhix ser tuża d-dritt tal-vot tagħha biex timpedixxi l-adozzjoni tad-disposizzjonijiet li mhumiex applikabbli għad-Danimarka.

Barra minn dan, il-Konferenza tinnota li fuq bażi tad-Dikjarazzjoni tal-Konferenza dwar l-Artikoli I-43 u III-329 tal-Kostituzzjoni, d-Danimarka tiddikjara li l-parteċipazzjoni tagħha f'azzjonijiet jew f'atti leġislattivi skond l-Artikoli I-43 u III-329 isseħħ skond il-Parti I u l-Parti II tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka.

### 40. Dikjarazzjoni rigward il-Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji konnessi ma' l-istituzzjonijiet u mal-korpi ta' l-Unjoni

Il-posizzjoni komuni li ser tittieħed mill-Istati Membri fil-konferenzi dwar l-adeżjoni ma' l-Unjoni tar-Rumanija u/jew tal-Bulgarija fir-rigward ta' l-allokazzjoni ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew u ta' l-ippeżar tal-voti fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill ser tkun kif ġej.

1. Jekk l-adeżjoni ma' l-Unjoni tar-Rumanija u/jew tal-Bulgarija sseħħ qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew prevista fl-Artikolu I-20(2) tal-Kostituzzjoni, l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew matul il-leġislatura parlamentari 2004-2009 ser tkun skond it-tabella ta' hawn taħt għal Unjoni ta' 27 Stat Membru.

| Stati Membri | SIĠĠIJIET FIL-PE |
|---|---|
| Ġermanja | 99 |
| Renju Unit | 78 |
| Franza | 78 |
| Italja | 78 |
| Spanja | 54 |
| Polonja | 54 |
| Rumanija | 35 |
| Olanda | 27 |
| Greċja | 24 |
| Repubblika Ċeka | 24 |
| Belġju | 24 |
| Ungerija | 24 |
| Portugall | 24 |
| Svezja | 19 |
| Bulgarija | 18 |
| Awstrija | 18 |
| Slovakkja | 14 |
| Danimarka | 14 |
| Finlandja | 14 |
| Irlanda | 13 |
| Litwanja | 13 |
| Latvja | 9 |
| Slovenja | 7 |
| Estonja | 6 |
| Ċipru | 6 |
| Lussemburgu | 6 |
| Malta | 5 |
| TOTAL | 785 |

Għaldaqstant it-Trattat ta' l-Adeżjoni ma' l-Unjoni, b'deroga mill-Artikolu I-20(2) tal-Kostituzzjoni, ser jipprovdi li n-numru tal-membri tal-Parlament Ewropew jista' temporanjament jaqbeż is-750 għall-bqija tal-leġislatura Parlamentari 2004-2009.

2. Fl-Artikolu 2(2) tal-Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji rigward l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, l-ippeżar tal-voti tar-Rumanija u tal-Bulgarija fil-Kunsill Ewropew u l-Kunsill ser ikunu stabbiliti bħala 14 u 10 rispettivament.

3. Ma' kull adeżjoni, l-livell previst fil-Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji rigward l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni għandu jiġi kkalkolat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(3) ta' dak il-Protokoll.

## 41. Dikjarazzjoni rigward l-Italja

Il-Konferenza tinnota li l-Protokoll fuq l-Italja anness fl-1957 għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, kif emendat hekk kif ġie adottat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ddikjara li:

"IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA

WAQT LI JIXTIEQU li jsolvu ċerti problemi partikolari relatati ma' l-Italja,

FTEHMU fuq id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi ma' dan it-Trattat:

L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITÀ

JIEĦDU NOTA tal-fatt li l-Gvern Taljan qed iwettaq program ta' għaxar snin ta' espansjoni ekonomika ddisinjat biex jirrettifika d-disekwilibri fl-istruttura ta' l-ekonomija Taljana, b'mod partikolari billi jipprovdi infrastruttura għaż-żoni inqas żviluppati fl-Italja t'isfel u fil-gżejjer Taljani u billi joħloq impiegi oħrajn sabiex jelimina l-qagħad.

IFAKKRU li l-prinċipji u l-objettivi ta' dan il-programm tal-Gvern Taljan ġew ikkunsidrati u approvati mill-organizzazzjonijiet għall-koperazzjoni internazzjonali li tagħhom l-Istati Membru huma membri.

JIRRIKONOXXU li hu fl-interess komuni tagħhom li l-objettivi tal-programm Taljan jintlaħqu;

JIFTIEHMU, li sabiex tiġi ffaċilitata r-realizzazzjoni ta' dan ix-xogħol mill-Gvern Taljan, li jirrakkomandaw lill-istituzzjonijiet tal-Komunità li għandhom jimpjegaw il-metodi u l-proċeduri kollha provduti f'dan it-Trattat u, b'mod partikolari, jagħmlu użu xieraq tar-riżorsi tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment u tal-Fond Soċjali Ewropew.

HUMA TA' L-OPINJONI li l-istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom, fl-applikazzjoni ta' dan it-Trattat, jieħdu kont ta' l-isforz li għandu jsir mill-ekonomija Taljana fis-snin fil-ġejjieni u tax-xewqa li tiġi evitata tensjoni perikoluża fil-bilanċ tal-pagamenti jew fil-livell ta' mpjieg, li jista' jipperikola l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat fl-Italja.

JIRRIKONOXXU li fil-każ ta' l-Artikoli 108 u 109 li qed jiġu applikati jkun meħtieġ li jieħdu ħsieb li kull miżura meħtieġa mill-Gvern Taljan ma tipperġudikax it-twettiq sħiħ tal-programm tiegħu għall-espansjoni ekonomika u biex jittejjeb il-livell ta' għixien tal-popolazzjoni."

# DIKJARAZZJONIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

## 42. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' l-Olanda dwar l-Artikolu I-55

Ir-Renju ta' l-Olanda ser japprova deċiżjoni Ewropea kif prevista fl-Artikolu I-55(4) ladarba reviżjoni tal-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu I-54(3) tkun ipprovdiet lill-Olanda b'soluzzjoni sodisfaċenti għall-qagħda tagħha ta' ħlas nett negativ u eċċessiv vis-à-vis il-budget ta' l-Unjoni Ewropea.

## 43. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' l-Olanda dwar l-Artikolu IV-440

Ir-Renju ta' l-Olanda jiddikjara li inizjattiva għal deċiżjoni Ewropea, kif prevista fl-Artikolu IV-440(7), li timmira li temenda l-istatus ta' l-Antilli Olandiżi u/jew ta' Aruba fir-rigward ta' l-Unjoni Ewropea, ma tkunx preżentata ħlief fuq bażi ta' deċiżjoni meħuda skond il-Karta tar-Renju ta' l-Olanda.

## 44. Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' l-Awstrija u r-Renju ta' l-Isvezja

Il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Ungerija, l-Awstrija u l-Isvezja jinnutaw li d-disposizzjonijiet essenzjali tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika ma ġewx emendati sostanzjalment mindu dan daħal fis-seħħ, u li u jeħtieġu jiġu aġġornati. Huma għalhekk jappoġġaw l-idea ta' Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li teħtieġ li tiġi konvokata mill-aktar fis possibbli.

## 45. Dikjarazzjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

It-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa japplika għall-Ġibiltà bħala territorju Ewropew li għar-relazzjonijiet esterni tiegħu hu responsabbli Stat Membru. Dan ma jimplikax bidliet fil-posizzjonijiet rispettivi ta' l-Istati Membri konċernati.

## 46. Dikjarazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar id-definizzjoni tat-terminu "ċittadini"

Fir-rigward tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jew tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, jew ta' kwalunkwe att li jemana minn dawk it-Trattati jew li baqgħu fis-seħħ bis-saħħa ta' dawk it-Trattati, r-Renju Unit jerġa' jtenni d-Dikjarazzjoni li għamel fil-31 ta' Diċembru 1982 dwar id-definizzjoni tat-terminu "ċittadini", li r-referenza għal "Ċittadini ta' Territorji Dipendenti Brittanniċi" għandha tinqara bħala li jfisser "Ċittadini ta' Territorji Brittanniċi extra-Ewropej".

## 47. Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja dwar id-definizzjoni tat-terminu "ċittadini"

Spanja tinnota li, skond l-Artikolu I-10 tal-Kostituzzjoni, kull ċittadin ta' Stat Membru għandu jkun ċittadin ta' l-Unjoni. Spanja tinnota wkoll li, skond l-istat attwali ta' integrazzjoni Ewropea riflessa fit-Trattat, ċittadini ta' Stati Membri biss igawdu mid-drittijiet speċifiċi taċ-ċittadinanza Ewropea sakemm id-dritt ta' l-Unjoni ma jipprovdix mod ieħor espressament. F'dan ir-rigward, Spanja tinnota fl-aħħar li, skond l-Artikoli I-20 u I-46 tal-Kostituzzjoni, l-Parlament Ewropew bħalissa jirrappreżenta ċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

## 48. Dikjarazzjoni mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar id-dritt tal-vot għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

Ir-Renju Unit jinnota li l-Artikolu I-20 u disposizzjonijiet oħra tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa mhumiex intiżi li jemendaw il-bażi għad-dritt tal-vot għall-elezzjonijiet parlamentari Ewropej.

## 49. Dikjarazzjoni mir-Renju tal-Belġju dwar il-parlamenti nazzjonali

Il-Belġju jixtieq jagħmilha ċara li, skond il-liġi kostituzzjonali tiegħu, l-Kamra tar-Rappreżentanti u s-Senat tal-Parlament Federali kif ukoll l-assemblei parlamentari tal-Komunitajiet u tar-Reġjuni jaġixxu, skond il-kompetenzi eżerċitati mill-Unjoni, bħala komponenti tas-sistema parlamentari nazzjonali jew kmamar tal-Parlament nazzjonali."

## 50. Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika ta' l-Ungerija dwar l-ortografija ta' l-isem tal-munita unika fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

Mingħajr preġudizzju għall-ortografija unifikata ta' l-isem tal-munita unika ta' l-Unjoni Ewropea li hemm referenza għaliha fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa hekk kif muri fuq il-karti tal-flus u fuq il-muniti, il-Latvja u l-Ungerija jiddikjaraw li l-ortografija ta' l-isem tal-munita unika, inklużi d-derivattivi kif applikati fit-test kollu Latvjan u Ungeriż tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, ma għandha ebda effett fuq ir-regoli eżistenti tal-lingwa Latvjana u tal-lingwa Ungeriża.